# Dun Bosco Kaddis.

*" Sinite parvulos venire ad me."*
S. MARCO X, 14.

Chif tŭieled Ġanninu bħal ŭarda fix-xeŭchi ;
Deher fkajjar ġò Becchi 'mċaħħad mill gîd !
Chemm bata sa trabba, u bèca sa chiber !...
Il Ġbija ta Cristu Hu ħâ mit-tŭelîd.

Fis tfaŭŭar fil kodos x'ħin fuk l'artal telagħ,
Missier Alla għamlu tat-tfâl imnicctin.
Liż-żgħâr mâr ideŭŭak il manna tas-sèma,
Id-dmugħ ixxuttalhom u għamilhom ħenjin !

" O ħallu lit-tfâl jiġu collha ma gembi
Għax tagħhom il genna " mâr jgħid ma Gesù.
Lit-tigri immansa fi ħrief Hu biddilhom......
U lilhom mâr tellagħ sa l'għola virtù.

Dun Bosco ŭied l'agħsel geŭŭa 'l fomm tal fkajrin.
Int xmara li tarmi tal genna il ferħ !
Chemm ħadmet dic râsec, chemm agħemxu għainejc ?!
Dac gismec ittertak ma jafx x'inhu serħ.

Dun Bosco ! Dun Bosco ! 'l kdusija minn tiegħec
Hi cattred il fìdi fost cbâr għeġubijet......
U l'opra ta għerkec maħtura mis-sèma :
Fi żmien l'actar ksajjar lid-dinja imliet.

Issa inthom o ħuti li gejtu taraŭha
Il Ġbija ta Bosco għaddejja fuk l'art......
Nitolbu b'kalb ŭaħda 'l kaddis minn taż-żagħżaħ
Jixħtilna mis-sèma coll xorta ta ŭard.

Tas-Sliema, fil 5 ta Mejju 1935.

**Carmelo Galea, S.C.**

Salesian Press, Sliema.

Teatru Salesjan - Sliema -
Arkivju ta' l-Iscripts

No. 007

Libro per il Buttafuoco.

Tutti i diritti sono riservati

All'Autore.

24 Marzo 1940

Sli[illegible]

Galia Carmelo

# "Mil Calvariu ghal fuq l'artal."

(San Giuann Bosco.)

Dramm f4 atti, prologu ~~u epilogu~~ u Quadru ta' C. Galea. S.C.

## Persunaggi tal Prologu.

Giovanni Bosco, raghaj ta 9 snin.

Antonio huh ta' 22 sena.

Mamma Margherita omm Giovanni.

Don Calosso Kappillan ta' 70 sena.

Mario ghadu predestinat ta' Giovanni ta' 12 snin.

Bniedem misterjus.

Lehen tas-Sema.

Tfal ta' cull daqs pajsani umbat visjonarji.

## Persunaggi tad-Dramm.

Don Bosco diga qassis ta' 34 sena.

Don Rua abbati umbat qassis. snin 14

Cagliero abbati umbat isqof. snin 15

Domenico Savio ta' 14 il-sena.

Can. Cottolengo ta' 60 sena.

Don Cafasso surmast ta' Don Bosco ta' 50 sena.

Mario l'ghadu ta' Don Bosco ta' 3[illegible] sena.

Menico ibnu ta' 9 snin.

Buzzetti purtier ta' l'oratorju.

Virr kap tal-logga tal-maghzuni.

Konti Cajs nobbli sinjur.

General tar-Re.

Direttur tal habz.

Karzrier.

Uccio indiana ta 4 snin

Spirtu Hazin.

[illegible]

Zewg fratelli tal-Misericordia tfal pajsani u visionarji.

L'azzioni tisvolgi ruhha, prologu f'Becchi ta' Castelnuovo D'asti fl'1821 sal 1825. Il bqija tad-Dramm jisvolgi ruhu fil-Belt Capitali ta' Turin mil 1848 sal 1888. Costumi tal-Karantotto.

Id-drittijiet colla huma riservati ghall'autur Galea Carmelo

Mill- Calvarju ghal fuq L-Artal.

(San Giuann Bosco.)

L-ewwel zmien prologu (Il Holma u il Calvarju.) l-ewwel parti fl' 1821. ix-xena tirrapresenta campagna fil-kobor daqxejn mudlama, sigra kbira tahta blata margeriti u peprin l-hawn u l-hemm u cnisja fil bghod, mat-tluh tax-xemx.

L-ewwel xena.

Giovanni wahdu umbaghad il-bniedem misterjuz.

**Giov.** (Hekk kif jitla is-separju jinsab bil-qeda fuq gebla taht is-sigra bil-ktieb f'idu u mat-tokki tal qampiena joqghod gharkuptajh jaqla 'l-kapell, irodd is-salib, u jghid xi talb bil-mod, malli tieqaf il-qampiena jkum bil-wiekfa u jibda jsejjah lil-bakar.) Fiorina! Inti vjoletta.--- ersku l-hawn ghax hemm hekk ma huwiex tghana, gwaj ghalija jekk jigi hija Antonio u jara l-bakar fir-raba' ta' hattiehor, u inkas jiena ma rridom jghamlu hsara. (Imur jhares) Ejja vjoletta. Hekk mela, araw li tobduni bhal ma jiena lill mamma Margherita. Issa jiena sejjer norqghod ftit fuq dan il-haxix u intkom oqghodu bravi, fimtuni? Oh sewwa vjoletta nizzlet rasa, qaltli iva, imteddet fl-art; Fiorina ghamlet bhala, hekk mela isimghu minni jiena ghandi hafna naghas ghaliex dal-ghodu komt fit-tlieta biex najn il-kuddiesa tal-kappillan, umbghad qaghad najn l-ommi biex tghagen il habz, u issa ghajnejja nhossom jinghalqu wahdhom. ((jimted fuq il-haxix fil-hin tibda tinstema' muzika helwa u dejjem toqrob umbghad kant ta' l-angli. Hekk kif jiekaf il kant jinstema' ghajjat konfus ta' tfal li dejjem joqrob; sadattant Giovanni jinsab rieqed fil-fond u jitharrek xi ftit, hawn it-tfal jithlu fix-xena mharbtin u jaqbdu jghatu lil xulxin bil-ponnijiet bla hniena. Giovanni jkum bhal fantasma min ghair ma jiftah ghajnejh jidhol qalb il folla ta tfal u jaqbad jferraqhom ujghati u ukoll bil-ponnijiet, fil-hin jitfacca Gesu' f'nofs dawl kbir libes libsa twila rosa u mant twil abjad l-muzika tieqaf.)

**Bniedem.** Giovanni!x'inti tghamel?!(Ma din il-kelma it-tfal johorgu l-koll mix-xena u jibka Giovanni ma Gesu' li jibka kiesu fantasma b'ghajnejh mghaluqin bhal minn qieghed johlom.) Mhux bis-swat izda bl-imhabba u bil-carita'. Hares xi gralek kulhadd harab minnek. Giovanni Bosco, jekk inti trid tirbah il-qlub ta' dawn ic-ckejknin hbieb tieghek u tigbidhom lejk ghandek tehodhom bil-hlewwa; ghallimhom, kemm huwa ikrah id-dnub u kemm hija sabieha il-virtu'.

**Giov.** (johlom bhal-qabel) Sinjiur int minn int? Minn fejn inti gej? Il-hwejjeg tieghek ifuhu aktar mill-girlandi tal-gilju u tal-ward, il-kliem minn fommok nhossu bhal balzmu u incens, il-harsa ta' ghajnejk donnom ir-raggi tax-xemx!

**Bniedem.** Ghal-issa ifhem biss dak li qieghed nghidlek, ghaliex l-ebda kliem ma huwa bizzejjed biex jiftiehem dan il-gmiel.

**Giov.** Ma jiena Sinjiur kif nista' nghallem lill dawk it-tfal, ghadni ckejken wisq biex nghamilha ta' surmast, ommi Margherita iva dejjem tghallemni il-vangelju ta' Gesu'.

**Bniedem.** Jiena kollox naf ghaliex werqa mis-sigra ma taqax jekk mhux fl'isem tal-kmand tieghi, ghalhekk jiena minnek ir-rid dan u inti nizzel rasek biex tobdini, mela ibda biex titghallem ghaliex ghat jigi zmien illi ezerciti kbar ta' tfal jkollok quddiemek, u inti tkun l-appostlu taghhom biex tiehu hsiebhom.

**Giov.** Sinjiur jiena fqir wisq, nixtieq li kieku nistudja izda meta nghid l-ommi biex immur l-iskola twegibni bid-dmuh f'ghajnejha: ibni inti l-tim flus ghall-iskola ma ghandniex mur irghail-bakar sa kemm Alla jrid.

Bniedem. Alla jrid illi inti jkun sajjeid tal-erwieh u huwa jinsab mieghek, biex minn raghaj ta' l-animali jghamlek raghaj tal-bnedmin.

Giov. Sinjiur ghidli inti, x'ghandi nghamel?

Bniedem. Jiena sejjer nqedlek mieghek Regina li ghandha seta' fuq is-sema u fuq l-art, mimlija bil-Grazzji u bil-gherf li fiha tigbor l-gmiel kollu tal-holqien u inti bil-ghajnuna ta' din il kewba taz-zerniek is-sir gharef, u jirnexxielek tghamel kbar ghogbijiet; dbiddel wicc l-art, ix-xewk tibdel fil-ward u l-imrar fil-hlewwiet, izda minghair dina r-Regina omm ta kulhadd inti pass wiehed ma tatiex.

Giov. Sinjiur, dan il-kliem misterjuz jiena nifhmu ma nistax... x'qieghed nilmah taht riglejk, fjur godda jitwieldu minn kull-lewn, gilji bojod daqs is-silg, saru tfal zghar, ghajneghom jiddu bhal-kwiekeb, f'nofs ta' lejl, xuxthom safra lewn id-dgheb.

Bniedem. Dawk huma il prediletti ta' Gesu' , issa inti trid taf jien minn jien? Jien huwa binn dik illi ommok ghalmitek is-selmilha tlied darbiet ma tul il-jum.

Giov. Ommi ghalmitni ukoll illi ma ghandix nitkellem ma minn ma nafux, jekk ma tatiniex il-permess, ghalhekk ghidli, int minn int?

Bniedem. Hares hemm, u staqsi l-ommi min jien. (Ma din il-kelma fil-fond tax-xena wara velu tidher il-Madonna qalb is-shab qiesa Regina mdawra bl-isplenduri tad-dawl, u mottija b'mant celesti miksi b'hafna stillel tal-hagar prezzjus.)

MADONNA

Lehen. Ibni Giovanni, hares hemm lejn dawk it-tfal.

Giov. (Imur jhares fil-fond u jinzel ghar-rkuptejh) X'qieghed nara?! Dawk it-tfal imbidlu kolla f'annimali feroci, qieghed nhossni nintela bil-biza!

Lehen. Tibza xejn, dak huwa l-qasam tieghek fejn inti ghadd trid tahdem sal-mewt, ghamel illi dawk l-annimali, jimmansaw bhal hrief, u dan ghamlu ghall-ulied tieghi, hares issa xinhu li gara.

Giov. Liema bidla, x'ghogbijiet, dawk it-tigri u orsijiet imbidlu fi hrief l-aktar helwin, hadu x'beha ta' bnedmin, resqin l'hawn, iffurmaw bhal Genna ta' l-art! X'iffisser dan, oh Regina bil-grazzji mimlija?!

Lehen. Il-quddiem kollox tkun taf.

Giov. (Baqa' wieqaf bhal statwa u Gesu' wkoll) Il-hrief qeghdin dejjem jizdiedu, mixjejn dejjem l-hawn bhal mewg tal-bahar... tattew bil-lbies tal harir, rashom nkurunati bil-ward, ghoddom waslu, hawn fil-krib. (Ma din il-kelma jibda jerga lura, sa kemm jsib ruhu mimdud fuq il-haxix fejn kien qabel, u jibka mitluf fin-nghas. Hawn daqs tnax il-tifel zghar, jithlu l-ibsin l-abjad b'kuruna tal-ward f'rashom, u jmorru joqghodu gharkoptejhom wara l-velu quddiem il-Madonna, u jkantaw (Ai tuoi pie Maria diletta) malli jispicca l-kant l-vizjoni tispicca, u Gesu' jirtira wkoll, jibka biss Giovanni wahdu rieqed fuq il haxix) (Ix-xemx telghat seuua.)

CANTO

## It-tieni Xena.

Antonio, Mario u Giovanni rieqed.

Mario. (Jidhol warajh Antonio nkurlat) Hares Antonio, inti bil-kemm temmi-nni meta nghidlek xi haga fuq huk Giovanni, dejjem bil-ktieb f'idu jew ma gembu, u meta jigba jaqra jorqghod bhal ma jghamlu l-ghazzi-nien, jew tarah ighamilha ta' klawn jew prestigjatur biex jdahhaq lin-nies, Ha, ha, haj.

Antonio. (Inkurlat.) Wasal iz-zmein li natu tmien ta' dawn il-hmerijiet, jekk huwa ma jismax minni hazin jkun ghalih.

Mario. Addio bakar, u addio xoghol tar-raba' wkoll.

Ant. Mamma Margherita, hija l-htija, ta' kull ma qieghed jsir, hija fis-ditu minn ckunitu u tilfitu ghall-kollox; imma meta mmur d-dar nghamlu il-kontijiet.

Mario. (B'ghajra satanika) Is-sinjurinu dahhal f'mohhu illi irid jilhaq xi bniedem kbir, xi avukat peresempju, jew ghandu hila isir qassis, u min jaf fl'ahhar jilhaqx papa ukoll hah, hah, haj. (Giovanni jit-harrek)

Ant. Ma jridx, jahdem fir-raba' ghaliex l'imghasqa taghmillu l-kallijiet, ghandu jdejh fini is-sinjurinu, imma issa imwebbisomlu jiena ghaliex nixthu barra mid-dar u jkollu jara x'jaghmel biex jiekol, halli jmut bil-guh.

Mario. Ta' min jippruvalu daqsxejn il-guh lil dan l'impustur.

Ant. Halli nghallmu jiena kif imur jorqod u jhalli il-baqar wehidhom. (Imur jaqbad lil Giovanni u jimmaltrattah)

Giov. (Jghajjat ghajta maqtuh) Mamma tieghi, (Jistembah u jibqa mibluh)

Ant. Sejjah, iva l'ommok forsi tpoggik gewwa vetrina tridx inlibbsek lin-gwanti bojod ukoll?

Giov. (Imbezzgha) Antonio xinhua id-deni li jien ghamiltlek?

Ant. Jekk trid tiekol mur ahdem bhali jien ili imqajjem mill'erba' ta' fil-ghodu baxxut flart naghti bl-imasqa u nafas il mohriet fuq it-tup.

Giov. Jiena naghmel ix-xoghol ta' ckejken li jien, ghadni anqas ghalaqt id-disa snin.

Ant. Dan inti issejjahlu xoghol? Sighat shahrieqed ghal ghajn ix-xemx.

Mario. Hah, hah, hah, haj.

Giov. Kollex qieghed nifhem, fejn jidher id-dell ta' Mario stenna li jin-qala dejjem l'inkwiet.

Mario. Lilà dan il-kliem? (Jaqbad gebla mill-art u jghaddu biha)

Giov. X'sejjer taghmel? Mhux forsi veru? Ma nafx ghaliex kullimkien insi-bek tip-persegiutani donnok biza' min Alla m'ghandekx.

Mario. Antonio razzan lil huk ghax sejjer jigri id-demm. (Ikun ser jitfalu il-gebla.)

Giov. Ghandek il-kuragg tasal sa hawn? Tibzax Mario imma jiena nahfirlek.

Ant. Hallik issa min Mario u ifimni x'sejjernghidlek jien. (Jagbdu minn drieghu) Qieghed tara fejn huma l-baqar hux, ta' min joqtlok bis-swat.

Giov. Iva ghadhom reqdin kif hallejthom jiena.

Ant. Dasgur imxew fuq l'esempiu hazin tieghek.

Giov. Mhux esempiu hazin li tkun ghajjien u ghajnek tmur bik... O Toninu kieku nirrakkuntalek x'holma sabiha ta' Genna hlomt sgur illi inti izjed tahqarnix.

Ant. Hallik issa mill-holm ghaliex hallejt il-baqar wehidhom? Ara fejn huma sejrin?

Giov. Antonio tinkwetax ruhek dawk ghal daqsxejn ta' sinjal li namlilhom jigu. (Imur isejjghilhom) Fiorina, Violetta, gharahom gejjin.

Ant. Ha biex darb'ohra titghallem. (isabbtu ma l'art)

Mario. (Sodisfatt) Ghamiltlu kif kien jisthoqqlu.

Giov. Mario inti tixtieq id-deni lil ghajrek mentri Gesu' jghallimna inhobbu lil kulhadd.

Mario. Ha din ukoll (Itih daqqa ta' harta)

Giov. Mario kieku irrid, ghavolja ckejken ghandi sahha bizzejjed biex niddefendi ruhi, imma Gesu' qal li min itik daqqa ta' harta dawwarlu haddejk biex itik ohra. Ha ghati kemm trid (Jippresentalu haddejh)

Mario. Le' bizzejjed dik, basta qalbi issodisfajta.

Giov. Mario inti qatt ma smajt minni u ara x'sejjer nghidlek illi ghad tispicca hazin.

Ant. X'naf min ghad jispicca hazin.

Giov. Iz-zmien itina parir.----

Mario. Issa max-xewqa lissir qassis bhal xejn ma tridx ukoll taghmel xi profezia.

Ant. Min jaf ghadx narau xi isqof.

Mario. Jew jispicca biex jghamluh Papa u fl'ahhar iwaqqfulu monument fil-Belt capitali ta'Turin. Hah, hah, hah, haj.

Giov. Din ma hix il-holma tieghi.

Ant. Halli nisimghu mela? X'inti tistenna?

Giov. Ix-xewqa tieghi hija li naghmel hafnagid, nigbor it-tfal fqajrin nghallimhom id-dutrina nixxotta d-dmuh ta' min hua infelici u fil bzonn.

Ant. Mela ibda biex tixxotta tieghek stess. (Ikun sejjer biex itih daqqa ta' sieq fil-hin jigi mizmum min Dun Calosso.)

## It-tielet Xena.

Don Calosso u ta' qabel.

D. Cal. (Xwejjah ta' 70 sena jidhol bil bastun f'idu imchebbeb go mantell iswed xalletta kbira mdawra m'ghonqu u kappell kbir imur izomm lil Antonio) X'sejjer taghmel b'idejk ibni hekk tittratta daqsxejn ta' tarbija?

Ant. Halli jitghallem Reverendu.

D. Cal. U le' mhux hekk. It-tfal jitghallmu bil-hlewwa u mhux bis-swat.

Mario. Antonio ahjar immorru ghax issa gejja il-prietka.

D. Cal. Kif inti ukoll ghadek anqas tidher. X'wahda din! F'hiex wasalna. F'hiex wasalna.

Mario. Xbajt nismahhom il-prietki ta' dan l'impustur ta' Giovanni ta' kuljum jigi joqghod jirripetilna dak li sama minghand il-Kappillan.

D. Cal. (Lil Giovanni) Bravu t-tfajjel taghmel sewwa. (Lil Mario u lil Antonio) Chellkom bzonn timitawhdaqsxejn izda l-guvintur ta' daz-zmien tilfu rashom ghal kollox.

Ant. Reverendu mhux bizzejjed il-fsied ta' ommu Margherita? Jonqos it-tmellis tieghek ukoll. Sahha Reverendu.

Mario. Sahha. Alla laqqakom, ara taghmilx minnu qassis ~~xewqa~~ Jiobha tajba ghandek f'idejk. Hai, hah, haj. (Mario u Antonio jitilqu)

D. Cal. (Jikkumpanjom bil-harsa u jaghdirhom) Nithassarkom tassew, povra guvintur abbandunata! Min jahseb fihom dawn it-tfal? X'taqt li kieku jiena ghadni zaghzuh, imma jien diga ghandi rigel wiehad fil-qabar. Kellu bzonn kieku id-drieh tal-Provvidenza jibghat fid-dinja xi ruh ispirata li tiehu hsieb ta' dawn it-tfal mitluqin f'nofs it-trieq taht id-dwiefer ta' l-anglu tad-dlamijiet.

Giov. Reverendu jien huwa dak ........... (Ikum f'daqqa)

D. Cal. Kif, int? Xinhu? (mistghageb)

Giov. Jien huwa dak l'appostlu mhabbar mis-smewwiet.

D. Cal. Inti tfajjel ckejken appostlu tal-guvintur?

Giov. Dan Alla iridu minni.

D. Cal. Ghadek ckejken wisq.

Giov. Iva ckejken imma kieku taf il-gmiel tal-holm tieghi.......

D. Cal. (wahdu) Bhal dan it-tifel ghadni ma rajt qatt. Ghidli tfajjel inti x'ismek?

Giov. Bosco Giovanni.

D. Cal. Bosco Giovanni, bravu. Missierek x'jaghmel?

Giov. Missieri mghandix, halli ckejken ta' sentejn.

D. Cal. Inti iltim? Imma ommok ghandek hux veru?

Giov. Iva, jisimha Mamma Margherita izda ma jghaddix zmien wisq illi ikollna ninfirdu min xulxin (jibchi) u nibqa wahdi f'nofs it-trieq.

D. Cal. Dan ghaliex?

Giov. Ghaliex dak hija Antonio illi rajtu isawwatni ma iridnix fid-dar u sikwit jghidli illi irid ikeccini (jibchi).

D. Cal. Dan ma jkun qatt ghaliex hawn jiena naqbez ghalik.

Giov. Nizzikhajr ta' kull ma qieghed taghmel mieghi. (ibuslu idu)

D. Cal. Bravu, bravu Bosco Giovanni. Issa m'ghandekx ghax tibchi izied. Ghidli haga l'ewwel Tqarbina ghamilta?

Giov. Iva, u min dak in-nhar l'hawn bqajt nircievi lil Gesu' kulljum.

D. Cal. Thobbu lil Gesu?

Giov. Sinjur, ommi ghalmitni nhobbhu hafna.

D. Cal. Bravu, ~~bravu~~, mela kont qieghed tghidli li hlomt holma sabiha?

Giov. O kieku taf liema gmiel!

D. Cal. Irrakkuntali.

Giov. Hlomt li sibt ruhi qalb hafna tfal jiggieldu bejniethom u jitkellmu hazin jiena dhalt f'nofshom biex inferraghom u anche jien bdejt intihom bil-ponnijiet. F'daqqa wahda dehirli bniedem misterjus umbat mara qisha Regina li donnohom kienu nizlin mis-smewwiet, dawn qaluli, "Mhux bis-swat imma bl-imhabba u bil karita'." F'daqqa wahda nara li dawk it-tfal jinbidlu f'annimali feroci umbat isiru hrief gwejdin.

D. Cal. Holma tasseu interessanti. Ibni x'tifem inti minn dac il holm?

Giov. Jena nifem illi Alla iridni incun l'appostlu tal guventur, u Maria tcun il guida tighi.

D. Cal. O cchejchen ta kalbi, din xewka tasseu kaddisa; min jaf jecc Alla ghac itic tasseu dina il grazzia biex tiehu hsieb it-tfal abbandonati..... ((jghanku mighu.))

Giov. Incun fic-centru ta kalbi! O chiecu insir kassis, nibda nigbor littfal mid-dinja colla, nghallimhom u imbiddilom bhal hrief bhalma holmitni il Madonna; nibda nghain lil Papa biex insalva hafna iruieh li ma jgharfux lil Gesu'. Iva jiena dina il vuci inhossa dejjem actar mill krib u [redacted] dejjem ticher geuua kalbi. Imma il mezzi minn fejn?

D. Cal. Bosco, actar ma nisimghec titchellem actar dejjem inhossoc tghogobni. Ghajdli, taf xihagia ta li scola?

Giov. Naf ftit nakra u nicteb.

D. Cal. Inti trid tasseu issir kassis?

Giov. Iva, kassis bhalec.

D. Cal. ((Itaptaplu fuk rashu)) Tajjeb Giovanni, Ghada nistenniec fill cnisja ta Murialdo. Staksi ghal Dun Calosso il cappillan tal cnisja il cbira halli nibda biex natic l'ewwel lezioni, fimtni?

Giov. ((ferhan)) Iva Dun Calosso; halli immur malair nghaid l'ommi.

D. Cal. Tinsiex eh? Dun Calosso......

Giov. Sigur li ma ninsiex. ((Jitla jigri ferhan))

D. Cal. ((jaccompagnah b'harsa ta Simpatija)) Min jaf min jaf jecc Alla iridux tasseu tighu lil dan it-tfajjel...

((Isseparju jinzel ghal ftit.))

Separju.

Icompli il prologu it-tieni parti wara 4 snin manzul ix-xemx.

Tibdil ta Xena.

Camera rustica fid-dar fejn tweled Dun Bosco, fill fond bieb u fill gemb tieka ghal barra, f'nofs il Camra mejda rustica, fuka sorra bil hwejjeg u ctieb, banchetti u siggijet kodma, crucifiss imdendel mal hajt, fuclar jixighal bin-nar fir-rocna u ghasfur geuua gaggia bejn il quinti.

Ir-rabgha Xena.
Mamma Margherita wheda.

Marg. ((Liebsa mudestament bil cappucc abjad u illamtat f'rasha, glecc u dullett oscuri u xiall fuk spallejha, keda gharcuptejha fl'art kuddiem il crucifiss bil curuna tar-ruzarju f'idejha, mil hgieg tal tieka tider niezla il borra)) O helu Gesu' ta kalbi, inti bis taf chif jena rabbeitlec lic-chejchen Giovanninu tighi. Din id-dar raitthu jitwieled bhal giaghaura u jitrabba bhala gilju fis-safgha ta kalb ta l'angli, hua tilef lil missieru ta sentejn u jinsab mahkur minn huh Antonio u quasi imchecci mid-dar!.. Ghatih inti il ghajnuna Ghajdli Gesu', X'sejjer icun il futur tighu? Icolli ix-xiorti nara tiela fuk l'artal sacredot? Izda il mezzi minn fejn? Ahna fkar wisk... Bil chemm irnexieli nigbor dina it-tibdila hwejjeg minn ghand il girien ((Tiftah is-sorra tal hwejjeg li hemm fuk il mejda

lesta ghal Giovanni u tibda ticcontemplohom) Imséichen Giovanninu heccu it-tejor tighu, kmis, kalziet, mactur u par calzetti. Ghamiltu fukom ftit Gelsomini biex ghall'inkas infeuuchomlu ftit. Hua tasseu sejjer jitlak u ihallini?!... u icolli jena il curagg nassásti ghal din il partenza?!(Timsah xi demgha) X'takt li chiecu geuua din is-sorra impogilu kalbi u johodha mighu, ma hua sejjer wahdu ghal'onk it-triek. Imseicna kalb ta omm? Dina il firda sgur sejra ticcagiunali il meut! (Timsah xi demgha) O giaura ta kalbi Giovanni, x'tghamel inti meta iddáauuar uiccec u ma issibx ma gembec lil Mamma Margherita? Gesu' ahseb fieh inti. (Targia tinzel gharcutejha)

## Il Hames Xena.

Giovanni u Margherita.

Giov. (Issa ghandu 13 is-sena jithol b'mantellina seuda fuk spalleih, imxarrab, zarbun goff ta l'ingnam u hatar f'idhu imbicchi u sconsolat) Mamma, mamma!

Marg. Giovanninu tighi. (Tkum tmur fejn Giovanni) Ghaliex kied tibchi?

Giov. Itlob Mamma itlob!(jibchi)

Marg. Ghajdli, forsi dac Antonio regia tac bil bastún? (Tghanku)

Giov. (jibchi) Le Mamma xihagia izjed.

Marg. Izjed x'jista icun ghaidli? L'ommoc mghandec tahbilha xejn.

Giov. Jena tlift it-tieni missier. (Jibchi)

Marg. Trid tghajd?!.....

Giov. Dun Calosso! (jibchi)

Marg. Dun Calosso?! jakaun?!

Giov. Ir-ruh tighu it-tajret lejn il Genna! Cont kied ingior il hatab u inuarrab il borra mil mghodijet x'hin milmah tfajjel jghamilli signal mil boghod umbghad isejjahli... jena tlakt b'girja uahda, nasal hdein id-dar ta Dun Calosso bla nifs, uara il bieb insib hafna nies jibcu, nithol malair geuua, u insib fuk pultruna lil cbir benefattur tighi jehu l'ahhar nifs tal meut! Bexiak ghajnein gharafni ried chiecu ichellimni, ma il forzi ma tahhx; allura ghamilli signal, poggieli ciavetta f'idejja u rieni li Fl'armarju hemm xi flus f'dakka uahda ghergherli xi cliem fuk l'iscola, rashu nizlet fuk spalleih, dahakli u dic id-dahka chienet is-sejha ta l'angli fissema. (jibchi)

Marg. O signur atieh il mistrieh ta dejjem.

Giov. Mamma issa tasseu spicciat cul tghama ghalija, addio scola, addio sacredozju u addio progetti... id-dar ta Dun Calosso mghaluka ghalija ucoll, il pavaliun tas-sema bil cuecheb zbieh tighu bis sejjer icun issakaf tighi. (jersah lein ommu) Mamma, mamma, lilec bis ghandi u anche minnec minn ghaun u ftit jehor..... (Ma jiflahx icompli il chelma)

Marg. Ibni pero' ghad fadallec il'Alla li Hua is-sid ta cull holkien. Ma ghajdli Giovanni u b'dic ic-ciavetta tal flus x'ghamilt?

Giov. (Jiccalma) Malli il kaddis D. Calosso ghalak ghajneih fis geu il kraba tighu biex jehdu hsieb ta culma hallia urainh,

Marg. Hecc jghamlu dejjem il bnedmin. U inti chif gibt ruhec?

Giov. Chif ghallimtni inti Mamma.Tghajtom ic-ciavetta u meta fethu l'armarju sabu 10,000 franc u culmin chien presenti culhadt kabes tal: "Giovanni, dauc il flus Dun Calosso hallihom ghalic" izda jena cont

pront wuegibthom;marridc xejn, jena ghandi ghal kalbi actar il genna milli il gid collu tad-dinja,u ghalecc minn hemm dritt mort filcnisja nátlob ghar-ruh tal benefattur tighi.

Marg. (Tghannah lil Giovanni) Ibni ma staic tghamel ahjar. (Minn barra tinstema il vuci ta Antonio.)

Ant. (Minn barra) Ciau Mario, Hallini narac.

Marg. Gej Antonio!Issa cliem izjed xejn. (Margherita tibda titui dauc il ftit hwejjeg u Giovanni jehu il ctieb u imur f'rocna jakra. Schiet perfett.)

Is-sitt Xena.
Antonio u ta kabel.

Ant. (Jithol b'imghaska fuk spalláih u mantel twil alla Piomentese. Hecchif jithol jitfa fl'art l'imghaska, ifarfar il mantell mil borra u jixtu bil Herra f'gemb.) Ahdem Antonio, hum mit-tlieta ta filghodu u Gbzok id-demm minn sidrec biex is-singnorinu johghod ghasshana tan-nar.((schiet perfett, pausa umbat idur u jilmah lil Giovanni bil ctieb f'idhu u imur jigri ghal fuhu bhal tigra feroci) Ghattlec chemm il darba illi marridc naralec cobba izjed f'idejc!! (jakbad il ctieb um jarmihulu) seuua signorinu, jena nahdem b'ruhi fi snieni tah il borra u ix-xemx u inti titghazzen ma gemb in-nar.

Giov. Ghadni gej issa minn barra imxiarrab ghasra u mghadix libsa ohra x'imbiddel, kied in-nixxifa bin-nar.

Ant. Imxiarrab is-signorinu. Issa ingiblec il hobz mixui bil butir. Mela x'cont tghajd li hdimt tnax-il-sigha ghal dac il bard?

Marg. Iva hallih povru tifel... X'inhua id-deni li ghamillec Antonio mhux hua chien li chisser dac il hatab collu u mghandux minuta mistrieh....

Ant. X'inhua id-deni li ghamilli? Naf illi din issena ghandna xitua tal clieb, u mir-raba mahniex sejrin niehdu hlief ghacs li digia kied jibda jinhas cullumchien u daun id-dirghajn bis iridu icunu ghal din id-dar.

Giov. U ix-xághol ta Giuseppi ma tghaddux?

Ant. Iva huc Giuseppi mhux hsiebu fil cotba bhalec.

Marg. Antonio, ma hemx bzon umbad wiehed jakta kalbu b'dan il mod... Alla jitma anche lil ghasafar ta l'ghajru kal Gesu' u mhux sejjer ihalli lilna bilgiuh.

Ant. Alla iva, ma jena chemm il darba ghattlec illi inti izzomm mighu; infaktlhu hames franchi biex xtraitlu dac il ctieb, ma tghamilx hlief tincuragieh f'dan il hmerijet li dahhal f'rashu illi irid isir kassis anche jena darba hlomt li sirt general u meta komt filghodu sibt rùhi ma gemb il'bakar u il mohriet ah,oh, ah, ohi!

Giov. Antonio, int ghandec ragiun tithak ghaliex il Madonna mighec ma tchelmet katt.

Ant. Targiax tibdieli b'dan il holm rediclu tighec, gia ghattlec illi inti mhux kassis ghadt issir, imma cap tal briganti.

Marg. (Imdejka) Antonio inti ma tafx x'igifieri kalb ta omm, ghalecc clienec ma tkisux.

Ant. (Incurlat ghall'ahhar) Tajjeb, arau x'sejjer nghajdilcom ma tilhakx id-dokk l'Ave Maria illi Giovanni ma icunx halla din id-dar.(Jitlak bil herra ighergher.)

Marg. (Tmur b'girja fuk Giovanni u tmellislu wicciu b'idieha it-tnejn.) Ibni inti taf illi jena miex omm Antonio, ghalecc hua ma igibliniex rispett u ghaun geu jiccmanda hua. Li chiecu chien ghaun huc Giuseppi ma chienx ihallieh jghajd l'irid, izda hua mar ghant tal mithna biex jiddejjem ftit kamh.

Giov. Mamma, ahjar li ma chienx ghaun, hecc ghall'inkas insoffri jena bis....

Marg. U jena actar minnec ibni Giovanni, hares issa inti ghalakt it-13 il sena u nista inchelmec bhal wiehed cbir. Chif inti tghara, ma jistax icun illi ahna nibkghou sejrin izjed il Kuddiem f'dan il martirju tal kalb....

Giov. Iwa Mamma, jena fimt collox illi ghandi kuddiemi calvarju cbir... minn triek twila irrid nghaddi mizrugha biex xeuc sa chemm jena jirnexili insir kassis; f'din id-dinja ward ma nistenniex ma hemm fuk (juri b'idhu lejn is-sema) insib il veru gid li ma jispiccia katt!

Marg. Ibni, inkas bil meut ta Dun Calosso ghadec ma ktait kalbec l'issir kassis?

Giov. Le mamma, chiecu int stait cont mighi f'dic il holma illi ma xtahta tispiccia katt! jena rait lil Gesu' u L'ommhu Maria, huma kaluli, jena ma nafx jecc conc rieket jeu le' ma jena Smaithom, umbadt dauc l'annimali mokzieza u feroci jimbidlu fi hrief Mamma... Le, jecc naf illi nahdem billejl u binhar, nipprova nghamel is-snajja colla imbati il giuh, fuk l'artal nitla, ghaliex hemm kied jistennieni il gid ta l'eruieh.

Marg. Min jaf ghac icolli ix-xiorti nitkarben minn ideic? Pero' ismghani Giovanni, jecc katt Alla jatic dina il grazzia u inti tistghana jena sgur li ma nigix narac.

Giov. X'inti tghajd, Mamma? Mghattlex illi mill flus li halla Dun Calosso jena habba wahda bis ma misseitc?

Marg. Bravu giaura ta kalbi, ahna twielidna fokra u fokra nixtieh nibkgha sal meut. (Ix-xemx tinzel ghal collox u il Camra tintela biddaul ta kamar, Margherita tmur thares mit-tieka.) Giovanni, inti smaitu lil Antonio hux veru? Ahjar li ma jargiax isibec ghaun, ghaliex il martirju ta kalbi icun icbar! (targia thares mit-tieka) Hares donna il providenza ghamlithu apposta, issema ked jissoffa u digia jidher il kamar u il cuiecheb, il borra wakfet ghal collox.

Giov. Mamma, forsi dan sejjer icun l'actar sacrifizju tighi li jena minfired minnec. (Imdejjah) Min jaf ghal chemm zmien? (Jibchi).

Marg. Ghandec ragiun tibchi ibni, ma Gesu', bghata actar minn hecc fuk issalib.

Giov. Iva Mamma San Giusepp u il Madonna darba bchauh meta nitlufu.

Marg. Inti taf illi jena sejra nghamel dan biex nehilsec minn xi guai acbar, ma Antonju tirragiuna ma tistax,

Giov. Tinghamel fija il volonta t'Alla!

Marg. Hecc, bravu Giovanni cun kalbieni Alla sgur ma jabbandunax, inti minn ghaun ibka sejjer dritt f'Morialdo, staksi ghal Luigi Moglia, itolbu ix-xioghol, forsi ma tafx chif... jena incun ghaun keda nitlob liel u nhar ghalic.

Giov. Donni marridc nemmen illi sejjer icolli inhallic Mamma. Ma ghaidli; meta nargia narac?! (Commos)

**Marg.** Ibni, il kalb tieghi izjed ma tippermettix! (Tinfex f'bacchia)

**Giov.** Le, le, Mamma ahfirli, tibchix, marridc narac tibchi. (Imur igib il crucifiss) Ghaun ara Mamma bhal dan: (Ibus il crucifiss) ghara, wicciu mahsul bid-demm abbandonat minn culhadt, mighu imbati irrid sa chemm mighu hemm fuk dauc l'istilel incun; fejn il mard, it-tribulazioni, it-tahbieh ta' {galli} u il bichi ma jesistux. (Pausa) Mamma, jena sejjer, ghati beusa lil hija Giuseppi ghalija (Jakbad id ommhu)

**Marg.** Curagg ibni, jiddispiacini li mghandi xejn x'natic... ahna fokra uisk.

**Giov.** Tibzax ommi il fakar mhux disunur.

**Marg.** Ghara gbartlec din it-tibdila hwejjeg minn ghand it-tuajba girien li anche huma mghollin hafna ghat-telka tighec. (Tippresentalu issorra)

**Giov.** Grazzi, irringraziehom min flochi ta collox. (Imur ihares mit-tieka u jghamel sforzi biex ma jibchix) It-torok mghottijn bis-silg, il chesha tithol fil kalb. (Jekaf ihares malinconicu)

**Marg.** Poggi fukec dan il mantell. (Tpoggilu il mantell fuk spalleih)

**Giov.** Il ctieb tal Catechismu ~~[illegible]~~ poggejtuli fis-sorra ucoll Mamma?

**Marg.** Iva, mal cotba ta liscola. Alla u il Madonna iharsuc Giovanni. (Tbushu)

**Giov.** Hemm f'dic il gaggia ghandi dac il gardel prigiunier, kabel ma nitlak irrid natieh illiberta, ghaliex bhalma Antonio hakar lili jahkar lilhu ucoll (jithol u johrog malair b'gaggia u ghasfur gio fiha, imur biha hdejn it-tieka) Anche inti holkien t'Alla u jena bhala ~~talli~~ habbeitec.. inkas lilec ma nghara izjed, mur flispaziu taht il Baldacchin tal firmament tas-sema, tghax-xiak bil cuecheb, bir-raggi tax-xemx, bil frott u bil hdura.. forsi jecc ma tul illeil mighi tiltaka filviagg u nibchi tismghani, il ghana tighec itaffili id-dmuh. (Jiftah il bieba tal gaggia u jitlak lil ghasfur itir) ~~[illegible]~~ hares l'ghasfur fejn mar kghad, fuk dic il blata fejn jen cont hlomt il holma tal genna., Mamma ejja hares. (Margherita tibkghad b'uiccia mohbi bejn idejja tibchi) ~~[illegible]~~ inti keda tibchi. Cont int illi leuuel ghamiltli il curagg. (Imur ma gemb Margherita) Mamma, mamma, sejjer niehu lil Gesu' mighi u issa ked inhossni ~~tant~~ ferhan.

UCCELLO →

MUSICA.

## L'ahhar Xena.

Antonio, Mario u ta kabel.

**Ant.** (jithol urajnh Mario; lil Giovanni) Ghadec ghaun hux veru? (jifridhom minn xulxin) Hsibtu jena issa sejjer jibda it-tneuuieh. Signorinu, ghara x'kighed inghajdlec: jeu titlak int jeu nitlak jena u ghaun geu izjed ma taraunix.

**Giov.** Sejjer hija, Antonio, basta ma tincorlax u tueggia lil kalb ta Gesu. (Imur jakbad is-sorra tal-hwejjeg, idahhala fil hatar li gieb mighu u jitfahha fuk spallieh)

**Ant.** Pero' kabel ma titlak, ghandi xi contijet x'nghamel mighec Dottorinu; il flus li hallielec Dun Calosso fejn huma?

**Giov.** (B'semplicita') Dun Calosso ma hallieli xejn.

**Mario.** Iva, hallielu, ghaliex ghadni chemm iltkait ma dac il ludi ta Virr illi conna immorru l'iscola flimchien u kalli li sema in-nies colla ta Morialdo jghajdu illi Dun Calosso halliel eredi ta flusu colla.

**Ant.** Kied tisma galantom?

Marg. Antonio, trid tarani meita biex icolloc ftit tal hniena minn huc?! Icolloc il Carita', hallieh ghaliex ghoddoc ksamtlu kalbhu.

Ant. Irrid naf. (Imur bhal tigra feroci fuh Giovanni biex ifittixlu)

Marg. Antonio, tarfax ideinc fuk Huc Alla ma iridc. (Imur bejn Giovanni u Antonio)

Giov. Antonio, ma minx obbligat natic sodisfazione ghaliex meta tajt l'ommi hua bizzejjet, izda ghal quiet tighec irrid nuric illi jena ma nafx nghajd chelma b'ohra (contra xena ta Mario. jakleb il buiet tal glecc.) Ghara Antonio, jena sejjer nohrog mid-dar minn ghair habba geuua il but, ghaliex il flus li halla Dun Calosso jena inkas bis-misseithom b'idejja, jena ghideb bhal Mario ma inix imdorri nghaid.

Mario. Giovanni ghara x'inti tghajd,... seuua seuua ghaun barra ghadni chemm iggilitt ma dac il ludi ta Virr...

Giov. U milli jidir tac xebgha hux veru?

Mario. Tani iva, ma ghad irid jigi iz-zmien u ipattiha bhalma ghat impattiha lilec talli kied tghajdli ghiddieb.

Giov. Mario, inti donnoc mahluk biex thibkini u jena dejjem hfirtlec u jecc katt ma tul it-triek tal Calvarju ghad is-sema jargia idakkghani mighec biex ixxerridli id-dmuh jena dejjem cliem ta mahfra icolli ghalic.

Mario. (B'eronija) Min jaf, collox jista icun, forsi ma tafx chif ghad issir kassis u tigi biex ticcovvertini ah, ah, haj. (jithak kauui)

Giov. Mario sejjer nirrepetilec ghat-tieni darba: inti katt ma smait it-tuieddib tighi ghal gid ta ruhec u ghalec nibza illi ghad tispiccia tkazin, izda jena fil bzon ma nabbandonacx.

Ant. (Lil Giovanni) Nispicciau dan il cliem, Vojt, Addio, mur sib lil min jitimghec ta xejn... forsi ghad ticconverti l'id-dinja u taghmel il miracli; u tispiccia biex ikgheduk fuk l'artal kalb il fjuri u jixghelulec kuddiemec ix-xema. (Antonio u Mario jitku)

Giov. Jena naccetta dan l'insulti ghall'imhabba ta Gesu' tighi, ma xejn tahzbu illi intcom capaci tghajdu chelma wahda fuk dac li hemmfis-sema jinsab mictub. Antonio kabel ma nohrog minn dan il bieb anche lilec nahfirlec ta culma ghamiltli, ghaliex minn ghajr ir-rieda t' Alla uerka mis-sigra ma takax. Mamma, dauc haddeinc tahsilhomx actar bid-dmuh. Addio Mamma! (jitghannak ma Margherita u jifformau Quadru)

Ant. Eccu il quadru, tisthajlomx zeug kaddisin?.... (Mario u Antonio jithku)

Giov. (jinfiret bl'acbar silenzu minn ommhu u imur jekaf ma gemb il bieb)

Marg. Addio Giovannino Curagg! (Ghaun Mario u Antonio jorbtu it-tnejn idehom u b'aspett ta ambizioni jekfu iharsu biex jarau chif sejra tispiccia)

Giov. Mamma. (jghati l'ahhar tislima b'idhu u jghaid b'lehen fgat fid-dmuh) Mamma!!! Addio!!!

Marg. (issellem b'idejha u tghajd ghal ahhar darba b'lehen fgat) Addio Giovanni!!! l'anglu T'Alla jaccompagnac.

Ant. A rivederci signorinu, nittamau li ghad nisimghau fukec xihagia Cbira. (Antonio u Mario jithku kauui, fil hin johrog anglu minn geuua b'ideih it-tnejn miftuhin u immur jaccompagna lil Giovanni, Giovanni ghadu fuk it-targia tal bieb, Margherita tinzel gharcuptejha u titfa ghaijna lejn issema titlob, Mario u Antonio bakghau f'dic il posizzioni ta kabel Quadru)

ANGEL

Jspiccia il Prologu.

"Mil Calvarju ghal fuk l'artal".

L'ewwel att. (Satana mur)

It-tieni zmien.

Fit-8 ta Dicembru 1848 manzul ix-xemx. Ix-xena tirrapresenta il bitha ta l'oratorju ta Torino (Valdocco) fil-fond hajt mghola ragel daksxejn imharbat, mallemin ringhiela sigiar, u max-xellugbieb illi idahlec ghal geuua l'istitut, fin nofs statua tal Madonna Immacolata imzejna bil ksari ma duara u fuk il pedestal taghha hemm mictub; "Damihi Animos Coetera talle".

L'ewwel Xena.

Il Canonico Cottolengo u Dun Cafasso, mat-tluh tasseparju jidru daun iz-zwug kassisin reverandi b'mantell isued fukom, Dun Cafasso bil berettin f'rashu u il Cottolengo biz-zucchetto, jippassiggiau bil breviarju f'idejhom allura iroddu issalib.

D. Caf. (Figura veneranda ftit inclinat u mghalub ta 50 sena) Dominus Vabiscu.....

Cott. (Figura veneranda, xaghru twil abjad u ta sembianza nobli.) Et Cum spirtihuo.

D. Caf. Per omnia saeculum saeculorum .

Cott. Amen. (jargau iroddu is-salib it-tnejn u jghalku il breviarju) Don lest ucol. Emminni Dun Cafasso illi il missioni illi jiena inthalt ghaliha bosta drabi tabligani illi nisghar sas-sigha ta billejl biex nghajd il breviarju, ma inkas jiddispiacini hdejn il gid illi Alla ipprovdieli nghamel.

D.Caf. Anche dac il povru Dun Bosco jghaddi iljeli ma jorkodc biex ilahhak ma l'opera tighu, mhux darba u tnejn geit ghalieh biex jassisti x'iddisgraziat iccundannat ghal meut, vicunu issatejn ta billejln insibu ghadu jicteb fuk it-tavolin. anchejjec

Cott. Dun Cafosso u int forsi ma intix is-sacrificat daksna it-tnejn ma duac in-nies tal habz?

D.Caf. Ma nghaic li le', ma irid icolloc il curag tighec u ta Dun Bosco ucoll biex tati bidu ghal opri bhal daun; Alla ibiriccom tasseu. Emminni Patri Cottolengo, avolglia jiena ghaddiet hajja man-nies tal habz u ghajnejja ma jarax hlief dlam u nies jibcu fuk id-disgrazzi taghhom, u mhux darba u tnejn li chelli nassisti l'iccundannati ghal meut fuk il patibolu biex natihom l'ahhar conforti, ma nghajdlec is-seuua illi meta thalt inzur id-dar tighec tad-divina providenza, hrigt minn hemm b'fidi ohra.

Cott. Din hia il chelma ta cullhadd, anche meta gie ir-Re Carlo Alberto, baka edificat u mghaggeb chif id-divina providenza tibghat il ghaixien culjum lil numru hecc cbir ta morda. Alla hua cbir wisk, actar ma nilka minn daun l'iddisgrazziati geuua dari actar il providenza tizdied. Veru miraclu haj illi jarah b'ghajneih cullhadd. Kabel ma geit ghaun ippresentat ruha wahda mara kuddiemi b'daksxejn ta tarbija ta hames snin "Sur Canonicu" kaltli: gibtlec lil dan ibni illi tweled ghama u bhal dan ghandi 3 ohra" Ghattila gibhom colla ghaun il providenza tahseb ghal culhadd.

D.Caf. Beatu int Patri Cottolengo li Alla afdalec f'idejc din id-divina missioni. Jecc katt mic-ciocon tighi nista nisuilec xihagia?....

Cott. Precisament, ghalecc ninsab ghaun dal hin fid-dar ta Dun Bosco biex nara jistax jigi ikarrli ftit lit-tfal.

a

D.Caf. Dun Bosco ma ihalli l'ebda occasjioni fejn jista jghamel il gid, jena sibt fieh ghajnuna cbira Dun Bosco ghamel mic-celel tal habz il confessionarja tighu, umbghat minn mimdu hareg mighu passeggiata lil daue il gioventur habsin baka celebri anche ma nies autorevoli.

Cott. Dac Curagg, u inkas jahrablu wiehed bis minnhom.

D. Caf. Meta giehhom lura lejn il habz, narah f'rocna jimsah haddejh middmuh u jiena ghattlu: xinhu li gralec Dun Bosco, irceviet xi dispiacir minn ghand dauc il gioventur? Le kalli Dun Cafosso, kied nahseb illi chiecu daun it-tfal chellom lil xihadt jehu cura ta ruhhom, chiecu daun sgur ma jinsabx mgholuhin ghaun f'dan il post tad-disonur u ghalec issa Dun Bosco beda l(opera tighu u it-tfal f'dan l'oratorju culjum jizdiedubil mijjed.

Cott. Alla ibierec il gid illi kied jghamel Duh Bosco. Chemm tfal illi kabel chienu is-slaleb tas-societa' u illum jinsabu migburin ma duar Dun Bosco.

D. Caf. Ma tarax hlief tfal jigru ~~issemmh~~ mighu fit-torok ta Torino, ma tismax hlief minn isemmi lil Dun Bosco, anche cbar, Suldati u pulizzia iuakfuh biex ikerru ghandhu f'xi ghalka jeu wakt li ricbin flimchien f'xi carmazza.

Cott. Disgraziatament, mhux culhadt fehem il progetti divini li ghandu Dun Bosco... Alla tasseu irid jipprovah.

D.Caf. Bil bosta veru, il chelma li Dun Bosco tilef rashu u kied jiggennen, mhux bis instamghat minn fomm l'ignoranti, ma anche mill' ghorrief ucoll.

Cott. Pero' Dun Bosco mal kdusija ghandu ucoll hafna ghakal, ghaliex duac iz-zeug filosofi li riedu jibghatuh ta francuni xehet lilhom fil carozza u il passeggiata ghal ta francuni ghamluha huma. ((jithku it-tnejn))

D.Caf. Dun Bosco mignun ghaliex jarauh imdauuar b'dauc it-tfal jakbes u jghola maghhom biex izommom allegri u ibighedhom mil iscandlu tad dnub.

Cott. Anzi digia keda tigri f'halk il malinjj li Duh Bosco ghandu progett ta rivoluzioni.

D. Caf. Iva, il bierah stes fetah kalbu mighi u kalli li l'autorita' digia bdiet ittecticlu biex jghalak l'oratorju...u jibghat lil dauc ittfal colla il barra.

Cott. Imsejchen Dun Bosco, dan jehu minn jghamel il gid, ma Alla jippermetti collox ghas-salvazioni ta ruhna.

D.Caf. Difatti fejn tara barra lil Dun Bosco mat-tfal tghara ucoll il pulizjja miexija uaraih. Imma hua dejjem b'dic id-dahka helua fuk uiccui ihares lejn issema u jicconforta ruhu b'dic il holma li ghamel meta chien zghair.

Cott. Il genn ta Dun Bosco hia fiamma cbira tan-nar ta mhabbali ghandu biex isalva l'eruieh. Anche lil Gesu' ghaddeuh li mignun ghax rauh ifejjah lil morda u jirxioxta, lil meitin.

D.Caf. Nghaiduka beinitna avolja Dun Bosco imponili is-silenzju; ma jiena naf ben tajjeb illi anche Dun Bosco irxioxta tfajjel mil meut.

Cott. O liema ghageb!Dun Bosco hua il veru ritratt ta Gesu' hua veru kaddis! ((Minn geuua jistema ghajjat ta "Viva Dun Bosco" D.Cafosso u il Cottolengo imorru iharsu)

GRIDA →

D.Caf. Hecca il mignun ta Torino. Ejja hares Cottolengo bliema allegrija

#

Ked nisthoffjmi nirritorne fis-
seminarja te Shuri fit. tegrijet
te z. zuimul u il lghol te Busollotti.

it-tfal kedin jiffesteggiau lil benefattur taghhom.

Cott. Hua veru mignun! forsi chien mignun Gesu' meta kal lil appostli: "Hallu lit-tfal jigiu ghandi ghaliex taghhom hua ir-regnu tas-sema? " (Ghajjat ta "Evviva Dun Bosco" bhal kabel)

D. Caf. Din hija xena illi tfaccrec fid-dahla trionfali ta Gesu' f'Gerusalemm.

Cott. Hares, hres l'innocenza tat-tfal chif kedin jghattuh bil fjuri.

It-tieni Xena.

D? Bosco, Domenico Savio, tfal u ta kabel.

D. Bosco. (Issa kassis ta 34 sena, jithol mirfuh mit-tfal fuk siggiu kalb l'acbar allegrija, tfal ohra ixejru il frighi tar-rand u jghajtu: "Viva Dun Bosco".

D. Caf. Bravi, bravi tfal ghandcom ragiun tghajtu... Ghajtu izjed.

Tfal. Viva Duh Bosco!(Inno sul mio Labaro) Musica

D. Bosco. Lil min kied nghara. Nizluni nitlobcom tfal iggialuniex nisthi (it-tfal inizlu bilmod fl'art lil Dun Bosco) Ahfruli Dun Cafosso, sur Canonicu, malli spicciat mil prietca hrigt mill cnisja insib ruhi imgolli fl'ajru minn daun il briccuni.

Cott. Seuua, seuua, eh Dun Bosco mhux bis iticom il caramelli, ma kied jahzbilcom ghal post fill Genna ucoll.

D. Bosco. Liema unur li nara fl'oratorju lil Confessur tighi accompagnat mill fundatur: "Caritas Cristi, urget nos, infirmus" "Eram et Visitatis me". Canonicu Cottolengo, bericni. (ibuslu idhu) u inti ucol Dun Cafosso. (ibuslu idhu) Tfal ghajtu Viva Dun Cafosso u il Canonicu Cottolengo.

Tfal. (Jghajtu u ixejru il palm) Evviva!!

D.Caf. Eh, Dun Bosco, ghaun mahniex fid-dlamijiet tal habz, ghaun tirrenja l'allegrija.

Tfal. Le le, abbasso il habz Viva D. Bosco!

D.Caf. Dun Bosco, jiena cont hsibt illi sejjer insibec ghall'aria tal Campagna. (jithku)

D. Bosco. Mela, mela spiegat il holma tighi lil xihut u daun ghamluli dichiarazioni illi kied nitlef rasi, ma il holma irrealezzat ruha: hecc hua il merhla tal hrief (jindica it-tfal) u uisk izjed jghodduni b'mignun meta nuri l'isperazionijet tighi colla jiena digia kied nghara kuddiemi oratorju fid-dinja colla imdeudin bit-tfal, istituti, Cnejjes u missionijet fil-bghod (Idur fuk it-tfal) Uliedi, xihut ghajjurin digia kedin jicconsighlaumi biex inuarrab minn rasi cul hsieb, nghalak l'oratorju u nibghatcom il barra.

Tfal. Dan ma icun katt, ma icun katt.

D.Caf. Dun Bosco, compli, l'opra tighec hia kaddisa bhalma hia kaddisa l'opra tal Canonicu Cottolengo.

Cott. Dun Bosco, Alla l'opra taghna irida u digia tider ix-xita ta grazzi nizlin fuka.

D.Bosco. Hua veru. Isimghau xi hlomt granet ilu illi is-sema intela b'certa hmura, umbghad sar iswed u infexet tempesta li tbezzgha, nisma tfakka saetta u maghha is-smeuuiet infethu u bdiet nizla

xita tax-xeuc, umbghad ~~fakkat~~ sajjetta ohra u bdun nizlin missema il blanzuni, ghattielet darba nisma sajjetta actar kauuija, ghaun ~~hargiu~~ bhar-raggi kauuija tax-xemx u minhom bdeu nizlin fjuri minn cul leun, fl'ahhar nisma sajjetta ohra u ghamlet hoss kisu ta xi sturmenti tal musica u ghaunec illiel sar nar, ix-xemx imliet is-sema bir-raggi tad-deheb u heccu illi l'ajru,l'art u il bahar intleu bil ward l'actar ifuh. u is sema sar kausalla

D.Caf. Ix-xita tax-xeuc tfisser ~~tfisser~~ il Calvarju ta dina il persequzioni u ix-xita tal wardhia il merhla tan-nghag li miexja urajc ~~D.Bosco~~. u culjum timmoltiplica ruha.

D.Bosco. Iva duan il briccuni.(It-tfal colla jakbdu ma Dun Bosco jifirhu u jghajtu) tiftacar meta Cont ghattec illi

Cott. Dun Bosco, ma inti ghandec suttana fina uisk. Ghara li tahseb tghamel suttana tal pannu ohxion, ghax ghad trid issib min jiddendel maghha?(jithku ilcoll)

D.Bosco. (Dahkan) tiftacar, Collu htija ta daun il briccuni arah ghaun Bartolmeo Garelli (jippresenta tifel ta 16 il sena.)

Cott. Ah!Bartolmeo Garelli (itaptaplu fuk spaltu) Liema xiorti missitec li tcun l'euuel tifel ta l'oratorju! Bravu ismec ghad jibka jissemma fl' istorja ta Dun Bosco.

D. Bosco. Chien bhallum,il festa tal Concezioni Immacolata, hemm fil cnisja ta San Francisc.

D. Caf. U issa minn wiehed saru eserciti u min jaf il kuddiem....

Cott. Riveluzioni shieha Dun Bosco.

D. Bosco. Hecc kedin jghajdu il profani li checceiuni minn cullumchien. Issa il providenza bghatitli briccun jehor. Heccu ghaun (Jippresenta lil Domenico Savio) Ghaidilhom ftit x'jismec?

Savio. Savio Domenico.

Cott. Ismec mighac ghax ghandec uicc ta tifel quiet.

D.Caf. Thobbu lil Dun Bosco, Savio?

Savio. Iva, ghaliex hua ghalliemni inhobb lil Gesu' u lil Maria.

D.Bosco. Savio, inti xi trid issir?

Savio. Irrid insir kaddis bhal San Luigi Conzaga.

D.Bosco. X'ghandec mictub fuk il hoxra tal ctieb tal Cnisja?

Savio. "Piuttost il meut, ma dnubiet katt katt."

Cott. Bravu ibni, ibka zomm dan il hsieb sal meut u fittex illi tghalmu lil shabec colla.(Jifrah bieh, Domenico ibuslu idhu)

D.Bosco. Savio hua veru illi inti tohlom ucoll bhal Dun Bosco, tohlom anche meta tcun imkajjem?

Savio. Holma missier?.....

D.Bosco. Inti taf x'chienet ibni; irraccontalhom.

Savio. Jena rait pianura cbira mghottija biccpar u fiha poplu cbir ta nies jimxu u jahbtuma xulxin u ma jistghaux isibu it-triek, umbghat nisma lehen misterjus jghajdli: "Dic hia l'Inghilterra!" u ghuan nghara lil Papa Piu IX. liebes il paramenti tad-deheb

u kighed izomm torcia mixighoula f'idhu u dejjem riesak lein dac il poplu, id-daul tat-torcia beda jicber u idauual l'uciuh ta dauc in-nies, iccpar beda jitkatta, u heccu illi il-leil sar nhar. Allura dac ilehen compla kalli: "Dic it-torcia hia il cnisja Cottolica illi ghad jigi zmien illi iddauual dic innazion sabieha, art tal kaddisin mimlija bil barca t'Alla".

D.Caf. Dun Bosco hallihom jghajdu lil boloh, Compli ghamel min daun il kaddisin.

D. Bosco. Smaitu tfal,min icun tifel tajjeb, il Bambin jghaddilu in-nghas tighu fil holm bhal dan(johrog mactur mill but) Tfal intcomx tarau dan il mactur? (jibda igherbu f'idu, it-tfal iduru colla ma duaru ghal Cursita') Keidn tarau dan il mactur chif hallieni nghafgiu chif irrrid jiena? Hecc ucoll ntcom tfal, hallu lil Dun Bosco jghagincom hu chif iridu Gesu' u Maria u tarau chif il Genna tcun tghaccom.

Tfal. (jghajtu ferhanin) Il Genna! Il Genna! Viva il Papa!! (iciapcpu)

Il Papa daun il grant

D.Bosco. Bghad inciclica lil nisara tad-dinja colla fejn talab illi ghandna nitolbu biex il Cnisja tiddichiara Docma L'Immacolata Concezioni.

Tfal. Viva l'Immacolata!

D.Bosco. Bravi Illeila festa cbira, l'euuel fil Cnisja ghal benedizioni, umbghat ghat-teatru illi ippreparalcom Cagliero, u uara il Caramelli. Issa morru il cnisja addutrina. (It-tfal jitilhu confusament isejru ir-rand u jghajtu Viva Dun Bosco, Viva il Papa ecc) Liema allegrija. Thabtukiex lil Mamma Margherita.

Cott. Liema ubbidienza.

D. Caff Dan hua il veru gid.

D. Bosco. Min jaf ghac jorbtuna u jehduna francuni it-tlieta flimchien?... (jithku)

Cott. Ghad forsi jigi zmien illi jghajdu: "ara it-tliet imgienen ta Torino".

D.Bosco. Ma l'icbar mignun chien Gesu' li nizel imut fuk salib ghal imhabba tal bnedmin.

D. Caf. Icun imbierec Alla ghala dejjem.

Cott. U imbierec l'isem imkaddes ta Gesu'.

D.Bosco. Issa ntlobcom ghaddu ftit fil camra tighi halli nokodu nitchelmu ftit bil quiet.(jitlku it-tlieta)

It-tielet Xena.

Virr wahdu umbghat Mario minn fuk il hajt.

(Ix-xemx bdiet nizla u fil bitha digia beda jider id-dell tal leil)

Virr. (figura eleganti ta 28 sena, b'lehja seuda maksuma fi tnein, bastun u par inguanti f'idhu, jithol misterjosament minn taht is-sigiar.) Heccu, tlieta minn nies illi id-dinja colla keda titchellem minnom. Giuseppi Cottolengo, Giuseppi Cafosso u il famus Dun Bosco Daun huma it-tliet gighauriet tal Papa, it-tliet colonni tal cnisja u ghandhomfama ta kaddisin, jecc wiehed ma jahsebx cmieni u ikacciat il gheruk mil kieh daun ghandhom hila jakilbu l'Italia ta taht fuk. ~~Mur ghaid lil Dun Bosco meta conna ghhar flimchien geuua Bocchi, meta chien jghajdli: "ghaliex intcon il hhud ma titghandux?~~

~~u chien dejjem idur ma duari biex jirnixilu jghammidni. Mur~~ ghajdlu ~~illi jiena illum avansait fl'istudij u ninsab ghann geuua~~ Torino ~~bhala cap tal masunerija~~. Eh Dun Bosco, iz-zmienijet jitbidlu, inti illum ragel gharef u popolari chemm trid, ma jiena digia avsaitec illi lil masunerija mghandecx xi trida, inti ridt tibka ixxiandar il cotba contra tghana u heccu illi issâgha tighec waslet ucoll. inti ridt il guerra u L'ghadu jinsab f'darec umra it-trunciera. Issa narau jecc din il-lettura Cattolica tibkax tippublicaha. (Imur ihares l'ghaun u l'hemm) jiena digia avsait lil Prim Ministru Ratazzi biex jehdu hsieb il propoganda lil ked jghamel Dun Bosco contra il masunerija u hua tani id-dritta, u digia tchellem mar Re u ma jghaddix zmien twil illi ir-religiusi ma icunux esiliati ilcoll u jigiu icconfischiati il gid taghhom colla. (Imur ihares) Dalliel fil loggia massonica saret congiura l'actar segreta, il polza telghat u ix-xiorti ta Dun Bosco giet id-destina ghal meut; u jiena ninsab ghuanec halli nghara jecc dina il meut tigix iseguita minn dauc l'idejn li missithom ix-xiorti biex joktlu lil Dun Bosco. (fill hin Mario jholli rashu, liebes mascra seuda u cappell cbir, jittauual minn fuk il hajt b'rivolver f'idu fil hin jinstama mixi minn geuua, Virr, jghamel signal u Mario jargia ibasci rashu) Gej xihadt! (jinheba hua ucoll)

<u>Ir-rabgha Xena.</u>

Domenico Savio wahdu.

<u>Savio.</u> (jigi minn geuua fuk ponot subajh bi fjur f'idhu u ihares ma cullumchien) X'inhua li ghadda minn ghalija?! ma jiena rieket ma conc.. Cont kied nitlob lil Gesu' biex jghadjli x'inhua l'irid minni, sabiex izomm idejh fuki u fuk l'opra tal missier tghana Dun Bosco, heccu illi sibt ruhi f'dinja ohra geuua gnien sabieh fejn raid eluf ta ghasafar jittajru minn cull leun, umbghad l'ghasafar hadu gbeja ta bnedmin bdue jitkuli u jittajru ma duari, umbghad bdue jektghau il ward u jixtuh fuki u minn fuki jaka ghal geuua din il bitha fejn chien jinsab Dun Bosco gharcuptieh b'ideih miftuhin jilka dic ix-xita ta ward ma heccu illi f'dakkaawahda tbidlet ix-xena; ghaun rait tiela ix-xemx mil bahar b'kausalla maduara, minn giox-xemx harget mara ta l'acbar gmiel liebsa l'abjad imdaura bil gilji u taht riglha ghanda serp, dina sejhitli bil hleuua u kaltli: " mur ghajd lil Dun Bosco illi hua jinsab fil pericolu tal meut, ma xejn ma jibza ghaliex jiena incun mighu cullumchien" ghaun nilmah din il bitha b'hafna ombri ta nies jiggereu bil pistola f'idejhom li donnom kedin ifitcu lil xihadd biex joktluh u ghalec gfet nigri ghaun malair biex insib lil Dun Bosco, fl'ahhar il Madonna kaltli ucoll illi ghandi immut zghâr. (jinzel gharcupteih kuddiem l'istatua tal Madonna) Virginella heccu il fjur takalbi, (Ipoggi il fjur f'riglein il Madonna) Lilec nacconsacrah, iva jiena cuntent illi immut ccheichen kabel ma noffendic. Issa nitolboc, ipproteggi lil missier tighi Dun Bosco.

<u>Il Hames Xena.</u>

Dun Bosco u Savio.

<u>D.Bosco.</u> (jithol bilmod u jekaf jiccontempla lil Savio) Heccu il fjur tal Genna. Savio x'inti tghamel dal hin ghaunec?

<u>Savio.</u> Hrigt biex insib lilec missier. (ikum)

<u>D.Bosco.</u> Sar il hin ghal benedizioni.....

<u>Savio.</u> Iva, ahfirli ~~missier~~. Cont kied nitlob lil Gesu' ghal benefattur tighi D.Bosco u ghad difinizioni Docmatica tal Concezioni Immacolata chif irraccomandajtâlna inti u jiena rait lil Madonna kalb miljuni ta angli.

<u>D.Bosco.</u> Naf xihagia...

Savio. Inti taf?!

D. Bosco. Savio, meta inti cont kied titlob fis-sagristija, jiena cont uराinc niccontemplac... raitec tinkata mil'art fl'enestasi tighec, uiccec chien jiddi bhax-xemx. Izzichair l'Alla illi l'ispirtu tighu ghamel minn ruhec tabernaclu. Ma isma minni mat-tfal shabec cliem xein fuk dan.

Savio. Ma missier ippermettli nghajdlec hagia.- - - -

D.Bosco. Lil Dun Bosco mghandec tahbilu xein ghaliex hua jicteb collox.

Savio. Tiftacar meta miet it-ruajjeb Gavio?

D.Bosco. Niftacar.

Savio. Jiena cont ghaittlu biex ilestili post geuua il,genna u Gesu' sema collox,, ghaliex Maria kaltli illi jiena ghandi immut zghair u fuk l'oratorju tinzel xita ta ward.

D.Bosco. (Wahdu) Listes holma tighi,X'inti tghajd Savio? Hua veru?!

Savio. Inti dejjem ghallimtni biex ma mghaic cliem b'jehor...ma kalb il ward raidt ucoll ix-xemx.

D.Bosco. ~~Anche~~ Bhali?! Bhali!

Savio. ~~Quasi~~ bhalec missier? rait ucol bhal briganti jigru f'din il bitha bil pistoli f'idejhom ificiuc ghal meut.

D.Bosco. Ghal meut lil Dun Bosco? Collox jista icun. Savio, mur fil cappella u itlob ghal Dun Bosco, minn ghaun ftit jehor nigi jiena ucoll.

Savio. Iva missier. (jitlob)

D.Bosco. Angelicu Savio Domenicu, mur itlob ghalija, il genna keda tistenniec biex hemm fis-sema tcun il protettur tac-cchejcnin. Jiena digia kied nicteb il hajja tighec,Savio,chellu vissioni, l'angli spis jinzlu jitchelmu mighu u il Madonna ucoll. Lil Dun Bosco kedin ificciuh biex joktluh?! Jiena naf illi il-lettura Cattolica tighi keda tatihom fastidju lil mazuni u Savio gie imnebbah missema biex javsani... (jinzel gharcuptéih kuddiem il Madonna) Virgini Maria, F' ideinec nerhi ruhi, icun dac l'irid minni ibnec Gesu'. Ma nitolboc tabbandonaniex!...Huejjeg cbar ghad irrid nghamel bil ghajnuna tighec int hallomtni, ma kied nghara illi dac il ward fieh xeuc kalil uisk!...

Is-sitt Xena.

Virr, Mario minn fuk il hait u D. Bosco.

Virr. (johrog bil mod minn taht il hait imur jinhebar uara Dun Bosco u jghati is-signal b'idhu lil Mario) Issa Mario.

Mario. (Mal chelma "issa" jitfaccia min fuk il hait jispara u minn floc jalkot lil Dun Bosco jolkot il Virr.)

Virr. (jghajjat ghajta Mario jisparixi)

D.Bosco. (Ikum f'dakka) X'inhu li giara?! (jara lil Virr u imur fuku) Signur inti chif tinsab ghaun fid-dar ta hattiehor?

Virr. (Migiuh seuua) Dun Bosco!Istorni istorni? issema iccastigani!(jurieh idhu mimlija bid-demm)

D.Bosco. Ma nista nifem xejn!.. Inti ferut..

Virr. Nghajdlec collox Dun Bosco.ma icolloc il hniena minn bniedem iddisgraziat, istorni.

D.Bosco. Ghajdli mniex?

Virr. Tuighedni illi ma icun jaf hadt?!

D.Bosco. Fuk l'unur ta Dun Bosco illi milli sejjer tghajdli chemm iddum haj int hadt ma icun jaf xejn.

Virr. Dun Bosco, ghadec tiftacar f'dac ic-ccheichen Virr ta Becchi? li dejjem cont trid tghallimni id-duttrina biex nitghammed, ma jiena bkait sallum u ma tghammic.

D.Bosco. (Mistghageb jiflieh) Icchejchen, Virr, ludi ta Becchi! Irraccontali xihagia......

Virr. Missieri chien gibni ghaun Torino biex nicompli il Cors ta liscola, chienet illejla tal Milied meta cont kied f'hanut niehu Caffe' u resak wiehed fuki u kalli: "Signur inti favur il clerecali jeu mal liberali?" u jiena wegibtu illi katt ma habbeit dac colluilli imis mal cnisja Cattolica, u chélma iggib il l'ohra baka biex stedinni immur fil loggia tal mazuni....

D.Bosco. u inti mort Virr?

Virr. Mhux bis li mort, ma ghadda zmien u sirt il cap taghhhom.

D.Bosco. Inti il cap tal masunerija?

Virr. Iva Dun Bosco, dac li kied jiccombattic fil camp litterarju, jiena s'issa cont l'acbar ghadu tighec.

D.Bosco. Ma jiena ma nobghadox.

Virr. Inkas jecc nghajdlec illi ninsab ghaun ghax ridt nghammillec iddeni?.....

D.Bosco. Lil Gesu' salbuh fuk is-salib u hafer lil culhadt, bhalma jiena nahfer lilec.

Virr. Smait bil fama tal kdusija tighec Dun Bosco, ma jiena daun l'affarijet cont nehodom ~~fil-dahk~~ BID-DAHK

D.Bosco. Nispera li sallum bis Virr? inti milli nghara ferut seuua?

Virr. Xein Reverendu. (Confus) Dic hagia ta xejn.

D.Bosco. Ma cun af, illi Dun Bosco illettura Cattolica icompli jictiba u ma jakta kalbukatt. ANZI SECCER NARMA STAMPERIA

Virr. Ahfirli Dun Bosco, ahna rainieh il Curagg cbir tighec u l'gherf tighec ucoll, u ghalec conna id-decidejna...

D.Bosco. Compli, compli, ghaunec ma ghaun hadt jismghana.

Virr. Iccongiuraina illi... (Confus)

D.Bosco. Illi toktluni hux veru?

Virr. Heccu Dun Bosco.

D.Bosco. Allura dac it-tir ta ftit ilu?

Virr. Dic l'isparatura chienet ghalic, ma Alla ta Abram iccastigani, ghaliex min chellu il kaddis biex joktloc il balla minnfloc laktit lilec takbitli idejja.

D.Bosco. (wahdu) Il vissioni ta l'angelicu Domenico Savio. Ma x'inhu dddeni illi kied jghamel Dun Bosco?

Virr. L'ebda deni, anzi inti kied tghamel gid cbir, izda din hia colla ghajra chemm tighi u chemm ta shabi.

D.Bosco. Virr, issa fuk dan li gralec nittghama illi tbiddel hajtec hux veru?

Virr. Twedni li tinsa collox Dun Bosco?

D.Bosco. Stait chiecu rid ingib il pulizia, u chiecu inti dal hin gia' tinsab arrestat madac li sparali, ma heccu il vendetta tighi:(jghannak migħu lil Virr)

Virr. (jiccomovi ruhu u jibchi) Grazzi, grazzi Dun Bosco, issa kied nifem x'igifieri tcun bniedem kaddis u jiena ghaun kuddiem din il Gbija tal Madonna li figha katt ma chelli twemmin u kuddiem dac is-salib illi jiena katt ma habbiet, inwiedec illi ninhall missetta tal mazunerija.

D.Bosco. Twedni tasseu illi tinhall minn dauc il mostri infernali?

Virr. Iva Dun Bosco, anzi dic il mghamudija illi ficciocon tighi jiena katt ma rid, nitolboc illi tghammiedni issa, pero' jiena ninsab marbut bi ctajjen cbar, ghaliex meta inctibt fil mazunerija bghed ruhi lid-demonju ta l'infern, fuk collox sejjer inghajdlec ucolill b'din id-decisioni sejrin jinholku ghaedeuua actar cbar tighec u tighi ucoll, ghaliex il masunerija meta tiehu passi bhal daun tibka sa chemm ittemm il hsieb taghha.

D.Bosco. Imma inti bhala cap tal masunerija tista tghainu lil povru Dun Bosco?...

Virr. U anche jecc naf illi inkied hajti fin-nofs.

D.Bosco. Pero' l'actar li jimporta hua is-salvazioni tar-ruh.

Virr. Gia' ghettlec Dun Bosco illi minn quantu ghar-ruh tinsab marbuta bil ctajjen ta l'infern! (imbezzgha)

D.Bosco. (jiscanta lejn Virr, u jghajdlu bl'acbar gravita') Virr, dac Gesu' illi inti katt ma habbeit u dic ommhu Maria illi inti fiha katt ma emmint, ghandhom setgha cbira fuk l'infern, Curagg!(Ghaun fil fond tax-xena uara il velu tider Maria Ausiliatrice f'daul cbir, minn geuua il cnisja jinstama il cant tat-tantum Ergo iccumpagnat mill orgni. Dun Bosco jinzel gharcupteih u jibka b'ideih it-tnejn mghakudin kisha enestasi)

DISCO →

Virr. (jibka mibluh iħares lein Dun Bosco ghal chemm hua il vissioni tal Madonna ma jarakiex)

→ Lehen. "Giovanni Bosco, Din hia id-dar tighi, ghaun hia il gloria tighi:"

Virr. (Mistghageb) x'kied jarau ghajnejja?! Uicc Dun Bosco sar abjad bhas silg! Ghajneih icciassau bhal min kied jghara xi ghogbijed!(isejjahlhu) Dun Bosco! Dun Bosco! Hua ma iuigibx Misteri cbar!...... forsi gietu hniena minn din ir-ruh tighi mghobbija bid-dnub ta delitti l'actar fahxin?! forsi kied jitlob ghal conversioni ta L'imsejchen Virr li ma jemmemb'xejn u jinsab irsir ta anglu tad-dlamijiet? (Il cant ghadu jinstama) Oh dan il cant!(jibchi b'lehen f'gait) fejn katt l'ghajneih ta Virr jinhaslu fid-dmugha?!It-terribli Virr! li jittratta ma lispirti tad-dlamijiet issa kied jertghad u jibchi b'hat-tfal!Virr!Chif sejjer takta daun il ctajjen ta l'infern li, ked jarbtuc.(Ihares lejn Dun Bosco) Dun Bosco ghadu hemm kisu ibbalzmat, misterju cbir!!!(jghamel gestb trement) AH!!! X'jiena inhoss!!!Id ta l'azzar tghafasli grizmejja! sejra tghallakni! Satana, itlakni!(Kisu kied jiggilied ma xi ggant li ma jidirx) Dun Bosco! Dun Bosco!! (B'lehen f'gait) Ejja tini il ghajnuna!(Dun Bosco ma jiccahlakx, il vissioni ghada hemm u il

cant ghadu jinstama seuua) Dina l'id kisha miguija! (jghamel forza cbira biex jillibera ruhu minn dic l'id illi keda tifgah) Tremenda! Tremenda!!! dina l'id kisha il forca ta l'imghalkin! Ghajjut! ghajjut!!! Kied nifga!... Satana!.. Satana!... Hallini!.. (Ghaun jissabbat ma l'art, jebda jitkauueg u jimbaram kisu imbuttat minn xihadt, fil hin jinstemghau il kniepel idokku bil briju u l'orgni idokk wahdu ghal elevazioni Virr jinzel gharcupteih) Jiena... Nemmen!... (jghamel sforzi u irodd is-salib)

**D.Bosco.** (Thum mil enestasi u jghamel b'sollennita' signal bhal minn ichecci lil xihadt.) Satana Mur!!! (Ma din il chelma jinstemghau hsejjes cbar u Satana jaksam ix-xena jghajjat ghajta u jghaub kalb il fiammi tan-nar, il vissioni tispiccia)

Virr: Jiena nemmen.

SEPARIO

**Virr.** (Imur jigri fuk Dun Bosco) Duh Bosco, inti hua il veru bniedem kaddis, inti hlistni mil lispirtu ta infern. (Ibuslu idhu)

**D.Bosco.** Mhux jiena, ma Hia.... Virr, issa inti tista tithol fil cnisja mighi halli immur inchellem l'ittfal u nirraccontalom inderettament x'taf tghamel Maria. (Dun Bosco jitfa idhu illeminija fuk spalleih Virr bl'acbar imhabba u hecchif dehlin il cnisja bil ferh gio kalbhom jinzel is-separju).

Ispiccia l'Ewwel Att.

"Mil Calvarju ghal fuk l'artal."

It-tieni Att.

F'lejla ta xitua kalila ta 1849.

"Tini l'eruieh u hudli collox".

Ix-xena tirrappresenta listudju ta D. Bosco, camra semplici hafna, mejda fuka cotba u li jinhtieg biex ticteb, quadru tal Madonna u crucifiss indendlèn mal hajt, zeug siggijet, bieb ghal intern ta listitut, bieb fil gemb u tieka ghal barra. Xemgha tixghel fuk il mejda.

L'Ewwel Xena.

Dun Bosco, grupp ta tfal u Menico. Malli jitla isseparju jinhassu l'effetti colla ta tempesta kalila: xita, rieh, berak u sajjetti.

D.Bosco. (Ghandu kuddiemu it-tfal kied jghallimhom id-dutrina) Santa Maria! Donnu id-dilluvju universali! Curagg tfal, ghara xihadt jibza. (Berka u rghada) culhadt demdel f'ghanku dic il midaglia tal Madonna Miracolusa illi taitcom ilbierah?

Tfal. Iva Dun Bosco! (Berka u sajjetta)

D.Bosco. (jghamel salib fuk gbinu fuk fommhu u fuk sidru u it-tfal jghamlu bhalhu) Curagg, hadt mghandu ghax jibza, ghaliex dic il midaglia tchecci is-sajjetti il barra mid-dar. Mela incomplu id-dutrina: Tfal, intcom tasseu ix-xiurtiati illi sejrin tircievu lil Gesu' ghal ewwel darba geuua kalbcom. (berka u rghada) Id-demonju ta l'infern kala dan il maltemp biex ifixchilna ghaliex ma jehux gost jaracom issiru hagia wahda ma Gesu' bhalma huma l'angli fissema. Darba anche id-demonju chien anglu sabieh, ma umbghad ma obdiex lis-signur tighu u Alla xehtu fl'infern, issa hua ghajjur hafna, ghar-ruh tghacom innocenti. (Pausa) Menico, ghada taht dic l'Ostia bajda icconsacrata mis-sacredot lil min inti tcun sejjer tircievi?

Menico. Lil Gesu' Bambin, it-tifel tal Madonna, Alla mghamul bniedem.

D.Bosco. Menico, xi tghajdlu meta Gesu' jigi ghandec?

Menico. Nghajdlu: Gesu' ibka mighi la thalliniex.

D.Bosco. U ghal missierec xtghajdlu?

Menico. Nghajdlu, Gesu' icconvertili lil missieri, thalliehx isauuati u ihallini ma Dun Bosco ghal dejjem.

D.Bosco. Bravu menico, inti ridt tahrabli u issa sirt taf daks l'ohrain colla.

Menico. Ma issa manhalliex izjed Dun Bosco, inkas jecc jigi missieri ghalija biex isauuatni, manhalli l'oratorju.

D.Bosco. Jecc jigi missierec biex isautec nakbes ghalic jiena (Berka u rghada) Mela tfal, arau illi tippreparau ruhcom ghal din l'ewwel tkarbina bhalma ipprepara ruhu dac l'angèlicu Domenicu Savio. Oh, intcom tiftacruh tajjeb lil Savio? Issa hua jinsab fil genna, fejn ghad irridu immorru nintekghau mighu ilcoll. Mela ghada festa cbira, l'acbar wahda li, katt jista icolcom f'hajjitcom, ghaliex sejrin tircievu lil Gesu'. Xtakta chiecu ghada hajja Mamma Marghe-

rita, chemm chienet iddur bicom, ma anche Hia marret ilgenna tit-lob ghalina (Berka u sajjetta cbira, it-tfal jibzau, Dun Bosco ibierec lit-tfal) Issa tarau chif jiscot collox(Minn barra jinstama ghajjat ta rivoluzioni)("Il-cnisja ghanda tmut! u mghhba il Kassisin! jinghalku il Cunventi, barra il patrijet! Irridu lil Dun Bosco! Barra Dun Bosco!")(Dun Bosco mistghageb) X'icun katt dan?!(jinstama tir kauui ta pistola) Oh!! Tir ta pistola! (it-tfal imbezzain) Xejn,xejn tfal, chien ghaun xihadt chellu kalb jic-cajta. Harsu x'cumbinazioni, jider illi dac li spara ma hux cac-ciatur tajjeb, ghaliex takkabli is-suttana u mghandix hliefa.

It-tieni Xena.

Dun Rua u ta Kabel.

D.Rua. (jithol jigri libes ta abbati) X'ghara Dun Bosco?!

D.Bosco. Xejn Rua ipprovau joktlu lil povru Dun Bosco, ma ghaun ara ma gemb kalbi ghandi il midaglia tal Madonna.....

D.Rua. Ma Dun Bosco.. Hemm bzonn incumu nafu, niehdu provdimenti, insej-hu il pulizia!

D.Bosco. Xejn minn dan, zeug punti lil din is-suttana minn fejn ghaddiet il balla u kisu katt ma giara xejn.

Dun Rua. U il kata Dun Bosco? u jecc weggiauc?

D.Bosco. Le, harsu, il balla ghaddiet minn geuua is-suttana bla ma laktithi.

D.Rua. Lá cont jiena navza lil commissiarju tal pulizia biex ifittex lil hati....

D.Bosco. Ma hemx bzonn dan collu, Rua hu lit-tfal geuua u halluni ftit wahdú.

D.Rua. Tfal imxiu mighi. (it-tfal ímorru colla ma Dun Rua)

It-tielet Xena.

Dun Bosco wahdu umbad il Conti Cays.

D.Bosco. Seuua kalli dac Virr illi l'id ta l'azzar tal mazunerija actar tihrax uara li rat il conversioni tal cap taghha. Liema bidla saret f'dac Virr, Grazzi Signur Alla tighi grazzi!Ma min jaf fejn hua? Wedni illi katt actar ma jabbandonani... illum ma raitu xejn. Il Madonna helsitni mil meut ghal tieni darba. Cos tokod tahseb, chiecu laktitni dic il balla chiecu povru Dun Bosco bhal issa min jaf fejn jinsab?.....

Cays. ((jithol imchebbeb f'mantell twil)) Dun Bosco, ahfirli, tlabt lil purtinar Buzzetti biex idahhanni u bkait gej dritt fl'istudju ti-ghec, ahbini per Carita'!

D.Bosco. ((jakbad ix-xemgha mixghaula u iressaka ma uicc Cays)) Int minn int?

Cays. Tinkatax Dun Bosco, jiena hua wiehed mil hbieb tighec, il Conti Cays.

D.Bosco. O Conti, x'giebec ghaun daun il hinijet f'dan il maltemp? X'inhu li giara?

Cays. Fakkghet ir-rivoluzioni, il poplu imxeuuex minn certu Mario Sar kisu feroci contra il patrijet u il kassisin. Ir-Re Vittorio Emmanuele iffirma id-degriet u issa daun ic-ciorma ta habsin xeu-uiexia kedin iduru mal belt colla bit-torci mixighoulin f'ideghom biex jaharku dac collu illi hua sacru, u f'idejhom l'ohra biss-chiechen u il bkaken biex jiscassau il bibien tal cunventi u jic-confischiau il gid collu li jippossiedu.

D.Bosco. Naf xihigia Conti, u l'oratorju tighi?

Cays. Hemm fin-nofs ucoll l'oratorju tighec D.Bosco, kedin jghajdu illi inti b'daun il mijiet ta tfal ma duarec kied tahseb biex tkajjem rivoluzioni contra l'istat u takleb l'Italia ta takt fuk. (Tinstama cul tant xi rghada)

Il pulitica ta D.Bosco hia il pater noster.

D.Bosco. Dun Bosco fil pulitica ma indahal katt, D.Bosco ihobb lil patria tighu, ihobb lir-Re, ihobb lil Papa u ihobb lil culhadt. D. Bosco irid eruieh x'isalva u xejn izjed "Domini Animos Coetera Tolle".

Cays. Il parlament immexxi mill Prim ministru Rattazzi. Chien kied jistenna il firma tar-Re Carlo Alberto, ghal Confischioni tal gid tal conventi, Carlo Alberto biex ma jiffermax dac id-degriet abdica u tala fuk it-tron minn flocu ibnhu Victorio Emmanuele.

D.Bosco. Collox naf Conti, Naf illi Vittorio Emmanuele afferma id-degriet u jiena gia ctibtlu ittra fejn ureitu illi mal hwejjeg t'Alla ma jicciata hadt.

Cays. Prudenza Dun Bosco, prudenza ghaliex ninsabu fi zmienijet coroh uisk.

D.Bosco. Nifem, hemm fin-nofs il ponn tal hadid tal masunerija, ma fuk collox hemm ucoll l'Id tal Madonna.

Cays. Waslet ahbar illi il Papa Piu IX. jinsab gia' ittorufnat u issa stes ghadni chemm rait il folla feroci usra il palazzi ta l'arciskof ta Torino biex jakbduh ucoll taht idejhom. (Il maltemp jibda inakkas)

D.Bosco Povru Papa, povru iskof. Nargia nicteb lir-Re, u din id-darba actar jebes.

Vucijet. (minn barra) Irridu lil Dun Bosco!

D.Bosco. (icum sejjer ihares mit-tieka)

Cays. (izomm lil Dun Bosco) Salva rasec Dun Bosco, il folla mignuna ma tirragiunax, jiena ghaliex ghadt nofs ta chelma favur il Papa u kbist ghalic ucoll Dun Bosco, heccu illi il ministri kamu colla contra tighi u gejt imchecci mis-sala tal Consill infamat bhala ghadu tal gvern, u issa ninsab ipperseguitat ghal meut. Dun Bosco, ghatini il ghajnuna.

D.Bosco. Id-dar tighi hia dejjem miftuha ghal Conti Cays. Curagg habib tighi Alla ghad ihalsec ta dan l'att eroicu u kaddis, iz-zmien itina parir. (jiftah il bieb tan-nofs) Conti inti id-dar tafa tajjeb... ghaddi minn dac il bieb fejn issib lil Rua u lil Cogliero kedin jassistu lit-tfal, jiena sejjer niekaf ghaun biex nicteb ittra ohra lir-Re, f'cas ta bzon insejhilcom.

Cays. Verament, ma nixtiehx inhallie wahdec Dun Bosco f'mumenti bhal daun, il hajja tighec hia uisk preziusa actar minn tighi.....

D.Bosco. Le Conti, lil Dun Bosco ma imissu hadd. Din id-darba obdini Conti kied nicmandac tithol, hemm geu u la tohrog.

Cays. Nobdic Dun Bosco. (Ibus id Dun Bosco u jitlak, il maltemp jekaf ghal collox)

D.Bosco. Povru Conti, imchecci mil parlament u imminacciauh bil meut. Heccu ghaliex nixtiek nigbor it-tfal tad-dinja colla u nghallimhom ihobbu ir-religion ta Cristu, Daun id-disordnijet huma colla il frott ta l'ingnoranza. Halli nargia nicteb lir-re ghat-tieni darba. (imur fuk l'iscrivanija u jicteb) funerali Cbar fil Famiglia Reali, jecc chemm il darba ma tatux il liberta' lil Kdusija tighu il Papa u

treggiau lura il progetti colla contra ir-religion.
Dun Bosco.

Ir-rabgha Xena.

Dun Bosco u Cagliero.

Cogliero. (jithol liebes ta abbati u imur fuk Dun Bosco bi premura) Dun Bosco!

D.Bosco. O Cogliero, x'hemm mil gdid?

Cogliero. (dejjem b'umur allegru) Shab iswed maltemp mill icrah Dun Bosco.

D.Bosco. Beatu inti Cogliero illi innota tighec hia dejjem allegra, u fil musica "Lo spazza commino chif ahna sejrin?"

Cogliero. Tajjeb hafna ~~Dun Bosco~~, ghogbitom lit-tfal u gia' bdeu icantauha, ma ahfirli Dun Bosco, cont sejjer nisse scop jehor gibni ghaun hdeic...

D.Bosco. (ftit serju) jahaun? Ix-xeuuiexia dahlunna fid-dar tghana?

Cogliero. Chif Dun Bosco?.....

D.Bosco. Ma taf xejn?

Cogliero. Naf li rait lil Conti Cays jitchellem serjament ma Dun Rua....

D.Bosco. Bravu, il Conti ma ~~Dun~~ Rua, kisu li nuzau il carita' colla tghana ma dac is-signur, inlestulu cena u camra fejn jorkod ghal xi erba tijem.

Cogliero. Jakau id-decieda illi ihalli id-dinja u jithol mana?

D.Bosco. Collox jista icun. Cogliero ma smaituhx dac l'istorbju?

Cogliero. Smajna it-tfakkieh tas-sajjetti u cont pront hadt lit-tfal fill cappella biex nitolbu lil Madonna tharisna.

D.Bosco. Bravu, u il Madonna tharisna tasseu. Mela jecc ma contc taf, dun af issa illi scoppiat rivoluzioni, il Conti Cays gie mibghout mil parlament, il missier kaddis tghana il Papa jinsab esiliat u hemm fin-nofs l'oratorju ta Dun Bosco ucoll, u gia bdeu bil minacci...

Cogliero. (Mistghageb) Oh! Ghedtlec jiena illi shab iswed ghamdna, imma lil Dun Bosco ma imissu hadt u inkas lil Papa.

D.Bosco. Eh Cogliero, il Curagg tighec hua prezius ghall'opra ta l'imsejchen D.Bosco. Minn jaf, hemm fl'intern ta l'America kalb is-selvaggi umbad fil vatican... eh, eh, Cogliero, Cogliero....

Cogliero. X'inti tghajd Dun Bosco? Anche meta cont ~~echejchen~~ marid dan il cliem cont attuli.

D.Bosco. D.Bosco jaf x'inhua jghajd, Mur,mur, itlob, u ghajd ucoll l'ittfal jitolbu ghal missier tghana il Papa, u ghal Mamma Margherita, ghaliex mindu mietet il mahbuba ommi l'oratorju tilef gighaura prezziusa.

Cogliero. Hia keda il genna titloh ghalina ~~Dun Bosco~~.

D.Bosco. Iva, ma dac l'anglu ta Domenicu Savio illi ghalak xghar illum mejjet, nispera illi il ward jinzel u ma idumx fuk id-dar tghana, ma ix-xeuc kied fl'akkal tighu ucoll...

Cogliero. Dun Bosco, ahfirli, bil piacir illi kied nitchellem mighec cont sejjer ninsa nghajdlec illi fil porterija hemm il general tar-Re irid ichelmec.

**D. Bosco.** O Cogliero, hwejjeg bhal daun tinsihom katt.

**Cogliero.** Ahfirli Dun Bosco.

**D.Bosco.** Mur malair dahlu [ghawn] geu.

**Cogliero.** Deulakt mighec Dun Bosco ~~(wahdu)~~ [ghalhu] xihagia u ma iridc jitchellem ((jitlak imhasseb))

**D.Bosco.** Il General tar-Re bhal issa?... xihagia gravi hemm fin-nofs, uara dic l'ittra illi jiena ctiebt lil Maesta' tighu... Min jaf povru oratorju f'hiex sejjer isib ruhu? Ma hemm il Madonna isseuuili collox. Hia kaltli illi f'din id-dar hia il gloria taghha.

## Il-Hames Xena.

D.Bosco, General u Cogliero.

**Cogliero.** ((Jithol u jippresenta lil General)) Ghaddi eccellenza, Dun Bosco kied jistenec ((jitlak))

**D.Bosco.** (Ikum) O xi piacir, il general tal Maesta' ir-Re fid-dar tighi! Eccellenza f'hiex nista inservic?

**General.** (jithol bl'uniformi tighu Gala, sidru mimli collu midagli u xiabla imdendla) ~~Dun Bosco~~, zewg chelmiet malair, ghaliex halliet iz-zi-mel u is-seguitu tighi ghaun uara il-bieb. ((dejjem serju))

**D.Bosco.** Heccu isserv umilissimu tighec.

**General.** ((serju u gravi anche xi ftit narvus)) Isma ~~Dun Bosco~~. B'liema cur-agg chellec il hila ticteb dic l'ittra lil Maesta' tighu ir-Re biex tmur contra irrieda tighu?

**D.Bosco.** ((calm dejjem u bil hleuua)) Iva hua veru. jiena ctibt lir-Re, ma cun af illi Dun Bosco katt ma azzarda jiccmanda lil hadt, [ma] dejjem ~~rabat idejh~~ [Boscia rasu,] biex jitlob.

**General.** ((Ifittex illi jithol f'battaglia harxia ma Dun Bosco, dejjem mar-ziali, anzi ftit anche b'rabbia)) Reverendu, ara chif titchellem, ftacar illi jiena hua il generalissimu tar-Re u ma iniex imdorri innizzel rasi chif gieb u lahak! inti meta ctibt dic l'ittra l'ir-Re iccommetteit mancanza garvi li ghaliha hemm bzonn illi jittie-hdu passi cbar daks chemm chienet cbira l'imprudenza tighec!

**D.Bosco.** Jiena habib hafna tar-Re.

**General.** Reverendu int kied tigdeb, mhux veru.

**D.Bosco.** Jiena dejjem irrispettait issovrani tighi.

**General.** Inti tfait l'autorita' sovrana taht rigleic.

**D.Bosco.** Jiena ninzel gharcupteja kuddiema.

**General.** Le, inti insultajta.

**D.Bosco.** Tghaic hecc Eccellenza... Hares jiena ctibt lir-Re ... ghaliex hasseit...

**General.** Biex tiftahlu piaga.....

**D.Bosco.** Biex natieh id-dawl.

**General.** Biex tumiljah reverendu.

**D.Bosco.** ((Ikum ftit fuk tighu)) Le, ghaliex inhobbu!

General. Thobbu u tibghad theddu?... Ghaliex tmur tghamillu daun il profizij ta luttu fil famiglia? Ma tafx illi ir-Re imhabba fic waka f'melanconija cbira u ma jistax isib paci?

D.Bosco. (Ibaxi ftit rasu jimmedita) Iva ir-Re ghandu ragiun icun imdejjak ghaliex il profezia sahhet u il palazz tighu intela bil luttu uara il meut ta ibnhu pero' ir-Re il profezzji ta Dun Bosco ma iddisprezzahomx, anzi hua iddispiacieh hafna uara illi ifferma dac id-degriet contra ir-religiusi, u hua stess gie ifittixni biex ichellimni, izda ma sabniex, ghaliex ghiecu l'affarijiet chienu icunu xiort ohra.....Ir-Re Vittorio Emmanuele Hua fjur tal galantomi u ghalecc chiecu ma chienx icconsigliat, chiecu id-degriet ma chienx jiffermah u il cnisja ma chienetc issofri dan collu.

General. Insomma ~~Dun Bosco~~, jiena gejt biex nippresenta il persuna tar-Re stess u inti ta dana collu trid tatini sodisfazion.

D.Bosco. Sodisfazion thiex General?

General. Ta dic l'ittra insolenti.

D.Bosco. Lebda insolenza, collox merita'.

General. Reverendu, poggi bilkeda u icteb dac collu illi jiena sejjer nghajdlec.

D.Bosco. Lest biex nobdic, basta dac li tghajdli icun lecitu? (Dun Bosco ipoggi u jicteb dac li sejjer jghajdlu il General)

General. Reverendu, ghiddeb dac collu illi ctiebt lil Maesta' tighu ir-Re.

D.Bosco. Jiena ma nistax nghamel dichiarazioni contra il conxenza tighi.

General. Chif le?! Icolloc ticteb Reverendu.

D.Bosco. Eccellenza, titfa inti fuk spalleic kuddiem Alla dac collu li jista jinkala?

General. Hallic issa minn Alla. Icteb jecc ma tridc insejjah l'isseguiti tighi u nissecuistralec id-dar.

D.Bosco. (calm) Ahfirli, ma Dun Bosco ma jictibx.

General. (johrog ix-xiabla u imur fuk D.Bosco f'dghadigha ta demm) Reverendu ahjar li tahsiba tajjeb dina il facenda!

D.Bosco. (Calm u bil hleuua) sejjer tisfidani ghad-dwell eccellenza? Ma jiena mghandix biex niddefendi ruhi hlief dan il breviarju. (jurieh il breviarju)

General. (actar bis-sahna.) Reverendu, jeu ticteb jeu min ghaun ma tohrog.

D.Bosco. Ghandi kalb insejjah lil Cogliero, ma cos nghajdlec ciar signur, illi jiena minnec ma nibzax.(Il General inizzel ix-xiabla) Inti biex acquistait dauc il midaglij chellec ix-xerred giustament id-demm General, ma Dun Bosco biex makkaf l'opra tighu ghadu ma katál lil hadt u ghalecc jiena ma nibza minn hadt.

General. Inti ma tibzax minni?

D.Bosco. Ma nibzax ghaliex fl'ahhar minn l'ahhar naf illi is-signorija tighec ma kiex sejra icciappas ix-xiabla bid-demm ta povru kassis bhali illi fittixt bis il gid tar-ruh tas-sovran tighu. (Il General jibka scantat ihares lein D.Bosco) Tant hua veru illi xtakt il gid tas-sovran tghana illi chiecu cont naf illi inti sejjer tincomoda ruhec cont nigi jiena stess fil palazz tighec biex natic sodisfazion, inserhu il conxenza tghana u conna nispicciau il custioni

billi nixiorbu bis-sahha ta xulxin. (D.Bosco dejjem allegru)

General. (Issa tbiddel ghal collox u sar mana bhal haruf) Dun Bosco, jiena general li iccombattejt u hrigt rebbieh f'hafna battagli, ma inti irbahtli.

D.Bosco. (Dahkani) Oh General, ghaid ahjar illi l'apparenza tinganna, ghaliex il fond ta kalbec hua tajjeb actar milli jider pingiut fuk ghajneic.

General. Inti ghadtli li trid tigi fil palazz tighi.

D.Bosco. Certament li nigi.

General. Icolloc dan il Curagg?

D.Bosco. Ghala le General?

General. Nakbdec filchelma?....

D.Bosco. Incun iffortunat.

General. Tajjeb nistenniec ghadafil-hdax.

D.Bosco. Fil-hdax incun uara il bieb tal palazz tighec.

General. Dun Bosco, ippersuadet ruhi illi inti bhala sacerdot biex ctibt dic l'ittra l'ir-Re harest il fuk actar minni ghaliex jiena hsibt bis ghal interessi tal gisem tas-sovran tghana, fil uakt li inti hsibt biex issalvalu ruhu. Prosit... jiena gejt ghalic biex xiabla u spiccait biex nistenniec ghal pranzu id-dar tighi. (jidhak) Prosit D.Bosco. (itieh cich) lan ghat-tfal tighec.

D.Bosco. Grazzi Eccellenza, ghaid l'ir-Re illi Dun Bosco jistieklu cul gid.

General. Tcun servuit a rivederci. (ibuslu idu)

D.Bosco. Nigi inwaslec sal bieb Eccellenza, u nippresentac bit-tfal htalo kenfollus tghana. (jiccompagna lil General)

Is-sitt. Xena.

Virr wahdu umbad Dun Bosco.

Virr. (jithol b'cautelazioni cbira) Irnexieli nithol fil camra ta Dun Bosco min ghair hadt ma rani; jiena gia cont nipprevedi illi biddimissioni tighi mil masunerija ma iniex sejjer inrazzan lil ghedeuua ta Dun Bosco, anzi huma actar ihraxu uma jistrehux kabél mejjet jarauh. Povru Dun Bosco! anche jiena darba contghodu tighu ma issa sirt inhobbu u irrid niddefendieh; jiena illum il giurnata hua il commissarju segriet tal pulizia u digia naf illi sparau ghal Dun Bosco u ma laktuhx, ma nispera illi il presenza tighi ghaunec tista tista xihagia. (jinstama mixi) Gej Dun Bosco, marridux jarani (Imur jinheba)

D.Bosco. (jithol jghorok ideih ferhan) Xuiec u tribulazioni ta cul xiorta, ma cultant il Madonna titfghali xi warda ucoll. Ghandna habib jehor illi fil bzonn jista jsiuieli hafna. Grazzi Madonna grazzi, la tabbandonax lil dan l'imsejchen iben tighec li kied jahdem biex jajati l'iruieh lil ibnec Gesu', u icabbar il gloria tighec. Ghamel illi dac il holm tighi icun realta' u din id-dar tcun tasseu l'arca tal gioventur u l'artal tal gloria tighec Maria.

Is-sebgha Xena.

Dun Bosco u Dun Rua.

D.Rua. (Jithol imghaggeb u musfar) Dun Bosco, ejja malair!

D?Bosco. X'ragia inkala [redacted] Rua?

D.Rua. Ix-xeuuiexia kedin jippruvau ichissru ir-rixtellu tal bitha ta l'oratorju u iridu lilec bilfors.

D.Bosco. Tibzax [redacted] Rua, niehdu l'affarijiet actar bil calma, issa ghadu chemm chien ghadn il general tar-Re li digia chien hareg ix-xiabla biex jiddwella mighi u taf chif spicciat l'affari? LI stidinni biex immur nippranza mighu, u tghamel elf francu ghat-tfal.

D.Rua. Ma inti hua dejjem Dun Bosco illi bil chelma tighec kaddisa iddahhal fix-xcora lil culhadt. (jithak)

D.Bosco. Le Rua, daun huma prodigi tal Madonna . Min irid jghamel il gid ghandu ilesti dejjem ruhu ghal battaglij, lesti ruhec inti ucoll ghax meta D.Bosco jghalak ghajneih inti trid tcompli ticcombatti minn flocu. Curagg, il calvarju ghadna tlajnieh u allura hemm fissema icolna il mistrieh u il Paci li ma tispiccia katt.

D.Rua. O missier tighi, chemm nixtiek ghandi ftit mil kdusija tighec. (Jinzel biex ibus riglejn Dun Bosco)

D.Bosco. X'sejjer tghamel?!Kum minn hemm ~~int chieeu trid tista tghamel il miracli~~. (jinstama mil gdid il ghajjat tar-rivoluzionarij) "Irridu lil Dun Bosco!"

D.Rua. Isma Dun Bosco! (Ikum)

D.Bosco. It-tfal fejn huma?

D.Rua. Kedin ma Cogliero kied jghallimhom il musica.

D.Bosco. U il Conti Cays?

D.Rua. Tallaihom jistrieh ftit fil camra.

D.Bosco. Rua mur, u thalliex lit-tfal uhidom, jien ghandi bzonn nokod ftit jehor ghaun, fil cas li jinkala xihagia ijjeu seghuli ghax ghaddejn mumenti coroh minn fuk l'imseicna Italia tghana!!

D.Rua. Ma intix ta wahdec Dun Bosco.

D.Bosco. Ghandi mighi lil Madonna, mur Rua u hudu hsieb it-tfal.

D.Rua. (wahdu) Irid icolloc il curagg ta Dun Bosco. (jitlak)

D.Bosco. (Imur ihares mit-tieka) Min jaf x'iridu mil povru Dun Bosco?.... ~~(Vucijiet~~

Vucijet. "Lil Dun Bosco irridu"! (Vucijet confusi ta rivoluzioni)

## It-tmin Xena.

Dun Bosco, Mario u Virr.

Mario. (Issa cap ta rivoluzioni jithol min geuua it-tieka, b'pistola f'idhu,mantell iswed fuk spalleih, cappelll cbir u mascra seuda, imur dritt fuk D.Bosco, u ippontalu ir-rivolver ma sidru. D.Bosco bla ma jicconfondi xejn jibda ihares leih bil hleuua.) Dun Bosco, wedni illi tghalak illum stess l'oratorju tighec u tibghat lil daue it-tfal colla il barra, altrimenti......

D.Bosco. L'ewwel nett nehhi dic il mascra minn fuk uiccec ghaliex Dun Bosco

ma jitchellemx ma min ghandu zeug uciuh.

Mario. Dan ma icun katt illi cap ta rivoluzioni jobdi lil wiehed kassis bhalec. Hares hemm fit-triek hemm eluf ta xeuuixia, ghal daksxejn ta signal li nghamlihom issibhom ghaun geu biex jakilbu l'oratorju tighec ta taht fuk u imsejchen int....

D.Bosco. Min ghandu l'Alla u il Madonna mighu ma jibza minn hadt. Hares hux inti kattaitli din is-suttana? Tider li mintiex cacciatur tajjeb.

Mario. Ma tibza minn hadt? Mela halli nghara din id-darba Alla tighec jehilsecx mill meut, iddefendi ruhec. (Hecchif icun sejjer jispara Virr johrog mil mohba tighu u imur jiddisarma lil Mario, jehu f'idu il pistola u jippuntaha fuk Mario, Mario jgholli idejn, icun irid imur isejjah il ghajjat mit-tieka, ma Virr ma javdah xejn)

Virr. Avolglia minn taht il mascra gharaftec (Lil D.Bosco) Ahfirli Dun Bosco jiena cont mohbi ghaun ghal culma jista jinkala, digia wasal-li collox f'uidneija jiena naf b'collox.

D.Bosco. Virr, il habib tighi providenziali!Grazzi.

Virr. (Lil Mario) Guai ghalic jecc inti tmis xghara wahda bis minn Dun Bosco.

Mario. Virr icconverteit?

D.Bosco *Virr. ahfer u nizzel dic il pistola.*

Virr. Ghar-rispett ta Dun Bosco nizzel ideic minn hemm (Mario inizzel ideih Virr ipoggi il pistola fi hziemu) Biex inservi lis-signurija tighec jiena icconvertait.

Mario. Mghadecx ticcongiura contra il kassisin? Hemm fil loggia tal masu-nerija?

Virr. Mghadnix, jecc ghaun bniedem fis-societa' li jistkoklu rispett hua propriu il kassis.

Mario. Dan minn meta l'ghaun?

Virr. Minn mindu iltkait ma dan il kaddis Dun Bosco u xehitli l'ilma tal mghamudija fuk rasi.

Mario. Ma l'ebda ilma ma jista jahsillec id-dmija tad-dellitti illi gham-lu idejc chemm ilec cap tal masunerija.. Cont inti ucoll illi icco-ngiurait il hajja ta dan il kassis...

Virr. Jien iva u inti cont id-drieh li tobdini, pero' il mahfra tal bene-fattur tighi nissitni collox u ghamlitni cuntent.

Mario. Inti issejjah benefattur tighec lil wiehed kassis mignun? Katt ma cont nobsor illi inti hecc debboli.

Virr. Guai jecc inti tergia issejjah mignun lil Dun Bosco.

Mario. Chiecu ma chienx mignun jisrak lit-tfal mid-dar tal genituri tagh-hom u itellifhom iz-zmien fil-lghob u tant hmerijet.

D.Bosco. (Bil hleuua) Signur inti ghandec zbal cbir. Ghara habib (jehdu ma gemb il bieb li jghati ghal geuua) dic il merhla hrief illi tobdi ghall'inkas signal li jghamlila ir-rghaj taghha, Ghara dauc il mej-jet ta tfal ghaddejn, b'liema dixiplina, ghajnehom baxxi u ideihom marbutin. *Dac hud il lghobli li jsir tamel D. Bosco.*

Virr. Chiecu it-tfal colla bhal dauc il habz jista jghalak ghal collox.

Mario. U il pulitica Reverendu?

Virr. Liema pulitica? Il Pulitica ta Dun Bosco kija dic illi jghallem l'iscola u il ligi t'Alla, u li ma jghamlux dnubiet,

Mario. Virr , sirt ucoll avucat tal kassisin?

Virr. ~~Jiena~~ Sena ma gemb Dun Bosco hia bizzejjed biex imsir galantom minn ghajr ma trid.

D.Bosco. (Lil Mario) Habib int min int, wiedni illi tbiddel hajtec, ghara jiena lest biex nahfer lilec ucoll. Hares hemm Gesu' chemm bghata ghalina fuk is-salib.

Mario. Jiena ma nemminx b'daun l'affarijiet reverendu, jiena geit l'actar biex niehu sodisfazion.

D.Bosco. Liema sodisfazion ibni? Inkastec f'xihagia?

Mario. Tasserka li ghamiltli.

Virr. Dun Bosco mhux halliel.

Mario. Iva, serakli lil ibni.

D.Bosco. Jiena sraktlec lil ibnec?

Mario. Minn mindu ibni kied jiffrequenta l'oratorju tighec, ma iridc jaf actar bid-dar, donnoc sahhartu.

D.Bosco. X'jismu ibnec?

Mario. Ibni hua Menico Ex, ma nitlakx minn ghaun kabel ma ittihuli altrimenti nghamel li ghandi nghamel u il pulizia tal-lum ittini ragiun.

Virr. Tinsiex illi illum jien hua il commessarju tal pulizia u meta Dun Bosco ghandu habib bhali ma gembu jista anche jakbdec u jarrestac issa stess.

Mario. Tarrestani ghaliex?

Virr. Talli hrigt l'armi u ghamilt violenza fid-dar hattiehor. X'rid tghamel actar minn hecc?

Mario. Mur obsor Virr... Tghaid ghad narauc liebes issuttana?

Virr. Ghattlec tinsiex illi jiena commessarju tal pulizia.

Mario. Ghandec ragiun Virr, mela bhala pulizia ghait lil Dun Bosco itini lil ibni jiena ghandi id-dritt fuku.

Virr. Dun Bosco hua tant tuajjeb illi itihulec.

D.Bosco. (Imur isejjah) Cogliero!

<u>Id-disgha Xena.</u>

Cogliero u ta kabel.

Cogliero. (Jithol u jibha scantat) Ghajdli Dun Bosco, hemm bzonn ta l'ghajnuna tighi?

D.Bosco. Le xejn, daun huma nies onesti bhalna.

Cogliero. Onesti bil mascra fuk uicciu?!

D?Bosco. Cogliero, Mur gib ghaun lit-tifel Menico EX.

Cogliero. (wahdu hua u sejjer ighergher) Dun il facenda ma imxiomiex tfuh. (jitlak)

D.Bosco. (Lil Virr) Virr jecc inti ghandec x'tghamel nirringraziac min collox?

Virr. Le, Dun Bosco, l'opra tighi ghaunec hia mehtiega sall'ahhar.

L'Ghaxar Xena.

Cogliero, Menico u ta kabel.

Cogliero. (jithol ma Menico) Heccu Menico Dun Bosco, malli semmietlu lil missieru bDda ihabbat rigleih ma l'art u ma riedc jigi.

Mario. Nghajdlu chif ma iridc jigi! (icun sejjer isauua lil Menico)

Cogliero. (Izomm lil Mario) Dan ma icun katt. Is-suat ghal annimali.

D.Bosco. Tifem galantom issa ghaliex it-tifel ma iridc jigi id-dar? Ghaliex it-tfal fid-dar ta Dun Bosco ma jissautu katt u isiru kishom hrief. Mhux seuua illi tahkar lil ibnec.

Mario. Menico, gharaftni hux veru?

Menico. Iva missier, imma tahbadniex.

Mario. Ghara x'jiena nghajdlec illi mall kassisin ma irridecx tghamilla.

Menico. Le, lil Dun Boscoma minhallieh katt, inkas jecc inti toktolni bis-swat.

Mario. (Incurlat) Ban li jghalmucom il kassisin hux veru?

Menico. Le, il kassisin jghalmuna inhobbu lil Genituri tghana, ma jghalmuna ucoll illi il genituri ma ghandhomx isautu lil uliedhom u jghalmuhom jidghau u jiserku bhalma ghallimtni inti missier. (imbezzgha)

Mario. Hecc tirrispondi lil missierec? mela halli titghallem. (Icun sejjabbad isautu)

D.Bosco. (Imur jimpedixi lil Mario) Dun Bosco katt ma ippermetta illi it-tfal jissautu kuddiem il presenza tighu.

Mario. (Avvelit) Collox seuua incun naf jiena ghif ghandi niehu lil ibni minn taht id-duiefer tal kassis. Virr, inti ma tajtniex sodisfazion ma insib minn itihuli actar minnec (Idur fuk ibnu) Menico, jecc inti ma tobdiniex meta tigi id-dar sgur li naktalec rasec bil mus tal-lehja.

Menico. (imbezza) Id-dar ma nigix actar ghaliex mindu mietet ommi, biex niecol inti tibghatni nisrak u gheddec hassartli sahti bis-suat, mentri Dun Bosco, izommi nadif, jitmghani tajjeb, jghallimni l'iscola, jghallimni nahdem, incanta u izommi dejjem allegru fil grazia T'Alla jiena nibdlec ma Dun Bosco missier.

Mario. (Incurlat) Dun Bosco, kied tisma, imiscom tisthu tippermettu dan collu, ma jghaddix zmien uisk illi ma intemx il vendetta tighi.

Virr. Mario Ex... Razzan ilsienec.

D.Bosco. Mario Ex?! L'ghadu predestinat tighi?!

Mario. (inehhi il mascra) Biex inservic Dun Bosco, Icchejchen Mario ta Becchi. Inqoddmisc dac it tifel incercis ta dari.

D.Bosco. GHadec tigri urajja biex tbicchini uara daun is-snin colla? Ma ghaliex Mario, mhux forsi dejjem gid ghamillec Dun Bosco?! Mario icconverti ghal Gesu'. Isma hija ara jiena nahfirlec collox.

**Mario.** Virr, jiena u int ghad ghandna zmien nintkghau.. ((jakbad lit-tifel inizlu bil herra mit-tieka u uaraih jakbes hua ucoll))

**Virr.** Dun Bosco il missioni tighi spicciat, lotta cbira keda tistennieni, il presenza tighi hia necessaria band'ohra, sejjer inhallic, jecc katt tisma illi Virr, mghadux actar, nitolboc illi fittalb tighec tiftacar fija, Bericni.

**D.Bosce.** X'inti tghajd Virr? Ibka ghaun mighi.

**Virr.** Impossibli, id-dover kied jistennieni band'ohra, is-servizz tighi ma jippermettiex sahha Dun Bosco, Grazzi tal gid li ghamiltli. ((Ibuslu idu))

**D.Bosco.** Virr, ibka fid-dar ta Dun Bosco all'inkas ghal dan il-lejl....

**Virr.** Ma nistax, Dun Bosco sejjer grazzi ta collox. (jghaposhi idu ma kalbu)

**D.Bosco.** Grazzi lilec ucoll Virr, Dun Bosco iuiedec it-talb tighu. Cogliero accompaniah sla bieb. ((Virr u Cogliero jitilku))

L'Ahhar Xena.

Domenico Savio, Dun Bosco wahdu umbghad Missionarij.

**D.Bosco.** Il hajja hia veru misterju, Virr hallejtu tfajjel geuua Becchi u uara 40 sena sibtu cap tal masunerija, ucoll Mario mil bandalohra cap tar-rivoluzioni, almenu Virr, inhasel bl'ilma tal mghamudija u baka fidil fil ueghedied tighu, ma dac Mario x'wahda din!Il vizzi bekghau jicbru mighu u sar veru mostru tas-societa' chien ghadni daksxejn ta tifel meta cont inwissieh,ma hua katt ma sema minni u min jaf chif ghad imur jispiccia! Min jaf dac il povru tfajjel ta Menico f'hiex sejjer isib ruhu, min jaf Virr jecc ghag jigiu f'xi takbida bejniethom? Povra umanita' chemm hemm bzonn ta minn jehu hsieba. Ninsabu fl'akkel tal persecuzioni u minn minuta ghal ohra nistenna illi tibghad il pulizia ghalija u tghajdli biex nghalak dan l'oratorju. Nghalak l'oratorju? ((jinzel gharcupteih)) O Maria,u min jiehu hsieb ta daun it-tfal abbandonati? Le, jiena ihhossni kauui fil fidi il calvarju irrid nitilghau sal inkas targia u il calci ta l'imrar irrid nixiorbu sal-inkas katra, ma il progetti tighi hemm bzon illi jirrialezzau ruhhom, Maria kaltli, il Congregazioni Salesiana, il Basilica ta Maria Ausiliatrice, il missioni, Is-sorijet kalb dauc il, Pompos tal Patagonia, eluf ta Salesiani jigru mad-dinja,miljuni ta tfal allegri u puri bhal angli tah il mant ta Maria biex iservu sid wiehed li hua Gesu', umbghad izjed tard eluf ta sruieh jippopolau is-sema bil curuni tal ward f'rashom u flimchien mal'angli icantau l'inni tal creatur. Oh Maria,Maria fost dan it-taktieh ta kalb, iftah buieb is-sema u ixhedli minn dac il ward li ghandec int, Gesu' taktira wahda mil balzmu tighec fuk din l'imsejcna kalbi u inti Mamma Margherita, tinsiex lil Giovanninu tighec li tant habbiet, fl'ahhar inti Domenicu Savio, fjur l'actar ifuh int fejn int? ((Musica)) ((uara il velu jintela b'dawl abjad u f'nofs id-dawl tider schiera ta tfal libsin l'abjad u bil curuna tal ward f'rashom, daun it-tfal b'idejhom ma xulxin mixjin uara Domenico Savio li jinsab l'euuel wiehed))

DISCO

**Savio.** Dun Bosco, heccu il frott tal Calvarju tighec jiena hua Domenico Savio li inti sejjah, urajjaj ninsabu uliedec li mietu cchejcnin, bla ma il kalb taghhom tibkghau bid-dnub. Ahna flimchien ma Mamma Margherita ninsabu fil post tal mistrieh, fejn is-shana u il bard ma jinhassux, fejn il mard u il giuh ma jesistux, fejn il meut ma tersakx, fejn hemm Alla fuk it-tron Adorat u mahbub minn culhadd.

**D.Bosco.** ((Fost l'ghageb tal ferh)) Savio Domenico, gilju purissimu, li minn dahka twiled fix-xahar ta April, Savio Domenico, krolla ghal ghajn ix-xemx, warda li tfeuuah lil cul minn isemmac, Savio Domenico anglu illi il guienah tal platinu lein is-sema tajruc, u mudell taz-zghazah tibka sa chemm ix-xemx daul izjed ma tatix. Itlob int biex

Dun Bosco itemm dac il holm tighu Prodigius u giurnata jigi biex mighec jiltaka fil genna accompagnat minn miljuni ta eruieh.(Bil mod il mod jinzel is-separju)

Isspiccia it-tieni Att.

"Mil Calvarju ghal fuk l'artal".

It-tielet Att.

U it-tielet zmien.

mit-tieni ghat-tielet Att ghadda xahar.

"Il Missier".

Ix-xena tirrappresenta cappella fil habz ta Alessandrea vicin Torino. Artal b'curcifiss fuku, zeug xemghat jixilghau kuddiemhu, banchetta, ftit tiben, bieb fin-nofs li jghati ghal habz u tieka tal hadid ghal barra, daul blu' u collox lucubre.

L'Ewwel Xena.

Mario wahdu umbghad carzrier.

Mario. (Liebes ta Carzrat u idejhh immanettiati) Klub taz-zonkor anche il vuci ta wiehed moribond tivgau fis-silg ta kalbcom u fl'indifferenza? Ftit daul nitlobcom ftit gharja... Ghaunec il klub huma ta l'azzar ghat-tixrid tad-dmugh ta minn jibchi u il widnein huma mghalukin ghal min jolfok!.... Hadt, hadt, l'ebda hniena! (jakbad ihabbat il bieb li jghajti ghal geuua)

Carzrier. (jithol) Galantom, ghal fejn dan it-tahbit collu? Dan x'ghajjat hu tinstama mil bieb ta barra?... Xi hsibtu ghaun geu, xi lucanda, fejn id-dakk u is-sfin ma jakta xejn?...

Mario. Irrid ftit daul, ftit gharja, inhossni kied nghama, kied nifga!

Carz. Mela ghaun kedin fil caffe' Carlo Alberto. Id-daul fil habz hua ipprojbit ghaliex ghaun hua post ta meditazioni.

Mario. Ili tlit tijem ghaun geu u rait illi intcom ilcoll xiorta wahda, ma cul min mincom tchellimt ilcoll risposta ta kalb ta l'azzar tirrispondu! Inkas minn bniedem iccundannat ghal meut ma tigicom hniena?!

Carz. Il hniena bejn daun l'erba hitan galantom massibiex, ghaliex dauc colla illi jigiu ghaun geu f'din il cappella inkas huma ma chellom hniena minn hattiehor...

Mario. Ghandec ragiun. (jaddas rashu jibchi)

Carz. Pero' gia' ghattlec darb'ohra illi ghandi ordni min ghand id-dirrettur tal habz illi f'daun it-tliet tijem li ghandec tghamel f'din il cappella tista tordna dac l'ickel collu li jghogboc...

Mario. U jiena gia ghattlec illi l'istoncu tighi ma jaccetta xejn... ma ghal inkas chiecu nista nghara wiehed mil hbieb tighi u niftah daksxejn kalbi mighu (jibchi)

Carz. Imsejchen missier ta famiglia, cos tasseu tigini hniena minnu Mistier icrah dan tighi, ma iniex hlief norbot bil ctajjen lil carzrati. (Lil Mario) Habib cont verament sfortunat illi il cundanna inkatghatlec ghal meut hecc chiesah u biered....

Mario. Chiecu almenu tauni iz-zmien nitlob ir-ragiunijet tighi, chien icolli xi tghama, ma katghauuieli minn ghajr process u heccu illi sghatejn uara il htija il cundanna sparat geuua kalbi bhal sajjetta, u gibuni ghaun geu. (Pausa) X'hin hu jecc jghogboc?

Carz. (johrog l'arlogg) Is-sitta dakku, fadallec masssghatejn ohra. Jecc inti ma ticcmandani xejn, jiena sejjer inhallic ghaliex

id-dmir tighi kied issejjahli band'ohra.

| | |
|---|---|
| Mario. | Xejn, l'ichel illiimis lili hudu inti minn flochi. |
| Carz. | Grazzi habib, a rivederci forsi minn ghaun u sigha ohra. (Icun sejjer) |
| Mario. | (Izommhu) Isma, ippermettili nofs ta chelma ohra: fuk ibni tafx xihagia hux veru? fuk dic il grazzia illi jiena tlabt lid-direttur tal habz?.... |
| Carz. | Naf, ma nahseb illi hua uisk difficcli illi igibulec ghaun f'Alessandrea lil ibnec biex tarah.... |
| Mario. | Inkas lil ibni?!Klub tat-tigri!(Jibchi) |
| Carz. | Ghandu ragiun (Lil Mario) Ghara hija hemm fuk l'artal ghandec l'akua habib illi il bniedem jista icollu, iftah kalbec mighu. (johrog u isaccar il bieb urajh) |
| Mario. | (Ghajneih imorru fuk l'artal) L'akua habib illi il bniedem jista icollu, iftah kalbec mighu.... Irrrid chiecu inhobb ma forza mghandix, chif tista thobb hagia li fiha ma temminx? (Imur ihares mit-tieka) Ghaun viein jinsab ic-cchejchen cimiterju, l'okbra huma miesejn bil borra.. u x'hin tahseb illi sghatejn ohra il gisem tighi icun mitfuh hemm taht dic il chesha tas-silg!...orrur! orrur!! (jghatti ghajneih u iuarrab) Meta tahseb illi stait nghaix 30 sena ohra felici nixialla mal hbieb, Ma fejn huma hbiebi? Malli rauni immanettiat mil pulizia culhadt tani spallejh u sahansitra ciahdu li jafuni, inkas l'akua hbieb tal kalb illi tajthom gharki u demmi ma kaluli mischin. Michud minn hbiebi, michud minn ibni, sejjer nitla fuk il patibolu minn ghajr ma nisma chelma wahda minn ghand dauc li dari chienu jadurauni.(jibchi minn ghajr mistrieh) Id-direttur tal habz ried jibghatli sacredot biex [redacted] ma jiena lil kassisin, dejjem bghattom u ghamiltilhom guerra bla serhan (Imur jargia jittauual mit-tieka) l'okbra colla fihom salib fukom .. hemm wiehed ma fiehx, min jaf ghal minn hu?.... |
| Carz. | (Minn Geuua) Ghaun Dun Bosco, gharau minn irid ikerr... |
| Mario. | (Ghal din l'ghajta ikum f'dakka) Dun Bosco ghaun fil habz?!... Chiecu nghajdlu chelma?... Ma uara dac collu li ghamiltlu ...Hua sgur ma jismghamix, jiena intentait il hajja tighu ghal erbgha darbijet.. Hua sgur ma jjahfirlix. |
| Carz. | (jargia jghajjad b'lehen gholi min geuua) Ghaun Dun Bosco.. hadt ma irid jghajdlu xejn?... [redacted] sejjer jitlak. |
| Mario. | (jghajjad donna hirgia ruhu) D.Bosco!..D.Bosco!!!! D.Bosco!!! (Imur uara il bieb ihabbat u jibchi jolfok) Dun Bosco!!!!...... |

## It-tieni Xena.

Mario, Dun Bosco, Direttur u Dun Cafosso.

| | |
|---|---|
| Direttur. | (Jiftah il bieb jidhol kuddiem umbghad Dun Cafosso, urajnh D.Bosco) Ghaddi D.Bosco, il post mhux gdid ghalic ghal chemm ilec ftit ma tigi.Eccu il famus Mario Ex, illi ~~Torino~~ sa tliet tijem ilu chien jittorrerizza lil Torino minn tarf sa tarf, illum jinsab ghaun iccandannat ghal meut minn ghajr process. |
| D.Bosco. | Povru ic-cchejchen Mario ta Becchi! |
| Mario. | Dun Bosco! Dun Bosco okod ftit mighi. |
| D.Bosco. | Gejt ghalic opposta hija Mario. |

Mario. Gejt ghalija?... Forsi biex ticcondannani izjed ta dac collu li ghamiltlec?

D.Bosco. Xejn minn dan ghamilt bhal Gesu', gejt insib innagia il mitlufa. Gejt biex nahfirlec, biex nuric illi inhobboc, biex nuric illi il kassisin ma humiex dac li tahseb inti; gejt nghamlec cuntent fl'ahhar sighat ta hajtec.

Mario. Grazzi Dun Bosco!! (jinxtehed fl'art ibus riglein D.Bosco) Inti il veru bniedem kaddis!... Dun Bosco ahfirli! (jibka fl'art)

Direttur. Dun Bosco, Dun Cafosso, jiena sejjer inhallicom fil liberta'.

D.Bosco. Grazzi sur Direttur. (Direttur jitlak)

D.Caf. Dun Bosco, ara l'iddisgraziat lilec irid, ghamel ftit tal curagg, ftacar [redacted] li, meta assistiet il meut ta dac il giuvni inti soffriet hafna, ma din il darba nispera illi tcompli sa l'ahhar, jiena sejjer inhallic, jecc icolloc bzonn ta xihagia lili issibni fil cappella l'ohra ma gembec fejn kied nassisti lil dac illi ghandom jghalku ghada filghodu.

D.Bosco. Grazzi Dun Cafosso, irraccomandani lil kalb ta Gesu'.

D.Caf. Alla jatic il forza. (jitlak)

D.Bosco. (jarfa lil Mario mill'art, actar mejjet inchella haj.) Mario, ghamel ftit tal curagg. Ghara jahastra, chiecu inti smait il cunsigli tighi minn mindu cont ccheJchen ma contc tasal sa fejn wasalt... Tiftacar chemm cont nghajdlec?....

Mario. Ghandec ragiun Dun Bosco, il profezia tighec nizlet fuk rasi tremenda; ghadni nisimghec tghajdli meta conna zghar. Dichinar stess illi inti cont sejjer thalli lil Mamma Margherita, b'uiccech mahsul bid-dmugh u jiena bi cliem ta serp velenus insultajtec; ma dic il chelma li inti ghadttli ma insejtix le.... u jiena tasseu spicciat hazin!

D.Bosco. Imseichen Mario, Tiftacar hemm geuua Becchi, mixlutin kisna hrief kalb il margheriti u il peprin ta dic il helua campanja; conna kisna bhal dac il hamiem abjad li, jittajjar fuk dauc il guienah tal ferh u ta l'innocenza? Tiftacar meta cont nirraccontalcom il holma tighi u li chelli xeuka insir kassis biex nigbor lit-tfal abbandonati u imgeuhin, u intcom ....

Mario. Collox imbidel f'realta' illum Dun Bosco bil fama illi ghandec inti tista tiftah il guienah tighec actar kauuijin min ta l'aicla u tghola actar minn dac il hamien il fuk il fuk, mentri il povru Mario waka fid-dlamijiet tad-dizonur. Chif ghandi hila jiena narfa uicci u inhares lejn dauc ghajneinc... Chif ghandi curagg nilka il mahfra tighec?....

D.Bosco. Hija Mario, forsi mhux jiena stess gejt inficcec... jiena illejla gejt propriu ghaun apposta imhabba fic! Mario hares lejn dac Gesu' Dac il Haruf Immaculat hafer lil dauc colla, li wassluh mislub fuk is-salib.

Mario. Imma jiena ippersequitajtec, u b'dana collu cont naf illi inti kaddis mgharuf, u smat anche mis-sovrani ta l'Italia.

D.Bosco. Hallic issa minn dan, fittex illi issauui collox diment illi inti tista. l'unuri hemm dutthom ma ir-ruh ir-ruh Mario!

Mario. Cont jiena illi sparait ghalic minn fuk il hajt ta l'oratorju, umbghat minn geuua it-taeka uakt li int cont tghallem l'iscola, cont jiena li darba gejt ghalic billejl biex taparsi tassisti wiehed kied imut u xheltlec il velenu fl'imbit biex tixiorbu, cont jiena ucoll illi darba assaltajtec ma jehor fit-triek biex nisirkec

kee u cont noktloc ucoll chiecu ma hareg chelb cbir ghalija li ried ikattani,

D.Bosco. Chien il custodju tighi, il Cane Grigio. Ma hares Mario, jiena gejt ghaun mhux biex infaccrec f'daun l'affarijiet, u inhammarlec uiccech, jiena inseit collox. Dac li Alla jippermetti hua collu biex jara il pacenzia tghana u insiru inhobbuh.

Mario. Kalb Generusa!(ibuslu idu)

D.Bosco. Mario, issa irridec tirraccontali ftit x'chien li waslec f'dan l'eccess tal biza?.....

Mario. Tiftacar meta thalt fil Camra tighec u sraktlec lil ibni kalb hafnaa tedid?

D.Bosco. Chien nhar ta gimgha, kisu il bierah.

Mario. Jiena tlakt mid-dar tighec ifferdciat bhal tigra, mort nintaka max-xeuwiexia shabi u ghaminna congiura li noktlu lil Virr. Allura billi jiena cont naf li ghal habta ta nofs illejl hua jghajddi cul-jum minn ma gemb ix-mara Po', kassamt il ghases taht dauc is-sigiar tal prinjoli, fil hin nisma tisfira, nohrog l'istallett u heccu illi id-dakka chienet fatali!

D.Bosco. Ktilt lil Virr, biex inghajdlec krait xihagia fil giurnali u bcheit!

Mario. Dakka bis chienet biz-zejjed, chellu bis zmien jghajjat:"Dun Bosco ftacar fija int!"

D.Bosco. Povru Virr, kabel ma miet sejjahli. Alla itieh il mistrieh tat-tajbin.

Mario. F'dakka wahda insibni indawwar minn erbgha pulizia.. triek ohra minn fejn nahrab ma chelliex, tajt salt u kbist geuua ix-xmara, Ma l'ilma chiesah mewwitli gismi, dirghajja ingiazzau u heccu illi il pulizia li chienet keda tigri warajja bid-dghajsa kabditni u sibt ruhi ghaun geu ictar mejjed inchella haj!.....

D.Bosco. Hecc malair katawwielec il cundanna?

Mario. Iva ghaliex Virr jghod bhala persuna civili u militari u f'dan iz-zmien tar-rivoluzioni il cauzi isiru minn ghajr process.

D.Bosco. Il quaranta otto jibka jissemma fl'istorju tal cnisja u Ta l'Italia. Oh Mario, Mario, chemm tasseu jiddispiacini, chiecu inti u Virr meta contu cchecnin hsibtuha bhali, chiecu sgur ma contux tghaddu minn dan il wied tad-dmugh.

Mario. Collu veru, ma jiena ghal contrarju cont niddiehec b'ghamilec u min jaf chemm il darba bicchejtec, ma issa kied nghara....

D.Bosco. Kied tghara illi jiena chelli ragiun tasseu?

Mario. Bil basta, bil bosta. Chienet chelma li darba kalli wiehed giuvni u nizlet f'kalbi bhala velenu l'actar kawwi. Chienet chelma illi fiha tigbor il mibgheda colla contra il kassisin u ir-religion ta dac Cristu, illi dac il mishut giuvni ghallimni nghobod b'mibgheda ta l'inferm.

D.Bosco. Oh!Imsejcna umanita!L'iscandlu, il cumpannija hazina illi spiss twassal il fjur taz-zghazah fid-dlamijiet tad dan il habz.(quasi jibchi)

Mario. Iva, u l'ahhar cliem illi jiena nghajd kuddiem id-dinja colla hemm fuk il patibolu kabel ma immut icun dan:"Aharbu il cumpannija hazina u fl'agonija taf-duejjak tighi lil hadd ma sibt biex jiconfortani hlief il presenza tas-sacerdot.

Aharbu

**D.Bosco.** (jghanku bi hleuua ta kaddis u johrog l'arlogg u jara x'inhu) Hija Mario, jiena kied nghara illi inti bil wisk jiddispiacic minn dac il kerk collu li ghadda minn ghalic? fil hajja tighec?

**Mario.** Jiddispiacini bosta D.Bosco, ma issa tard wisk, Alla sgur li ma jahfirlix....

**D.Bosco.** Ghara takta kalbec mill hniena Tighu.Le katt ma hua tard illi tinzel gharcuptéic u titlob lil Gesu' jahfirlec u lil Maria biex tehilsec minn nar ta l'infern.(Dejjem bil hleuua) O Mario, ibka sgur illi Gesu' hua lest biex jakla idejnh minn massalib u jigi jghankec minn flochi biex il mahfra itic.

**Mario.** Ma inti taf Dun Bosco li jiena cont dejjem ghadu kalil tar-religion, u chelli parti kawwija, anzi cont il cap tat-tixiux.

**D.Bosco.** Xejn ma jimporta... Mario il hin diehel seuua, inti kisec bhal dac il bniedem agonizzant mixhut fuk is-sodda tal meut, jistenna minn minuta ghal'ohra illi ruhu tohrog u tmur kuddiem l'imhallef Divin biex minnha jghamel il hakk.

**Mario.** (Takbdu ir-rghoda) Iva jiena kied inhossa xihagia tetra (rieska lejja lid-dallamli ghajnejja, li tnakkasli issmieh...(jibda jakta nifshu) l'gharak kied ixiokk ghalija!......

**D.Bosco.** Dac hua il gharak tal meut. Curagg, itlob Mario lil Gesu' lil Maria, ~~[illegible]~~.

**Mario.** Ma nafx, ma nafx nitlob. G. hajti ma tlobt katt.

**D.Bosco.** Itlob mighi! (Tinstama musica l'actar helua)

**Mario.** (Jinzel gharcupteinh)

DISCO

**D.Bosco.** Ave Maria....

**Mario.** (Jirrispondi l'Ave Maria chelma b'chelma ma Dun Bosco) Ave Maria ecc... (meta tispiccia il musica.)

**D.Bosco.** Mario, thossoc ahjar? (jixxiuttalu l'gharak minn gbinhu)

**Mario.** Inhoss paci li ma hassejt katt. (Ghajnejh jghaumu fid-dmugh)

**D.Bosco.** Nirringraziau lil Maria illi il povra chelma tighi dahlet fid-dlam ta kalbec u giebed maghha ragg ta daul minn dac li Alla bis jaf jatieh. (Mario ibus is-suttana ta Dun Bosco) O Mario, itlob u ibchi, ghaliex it-talb hua il veru balzmu tar-ruh u it-tixrid tad-dmugh hua att ta purificazioni, jiena issa sejjer inhallic ghal ftit...

**Mario.** (Jakbad mas-suttana) D.Bosco, le tabbandonanix! sa chemm jiena nghalak ghajneja. fuh il pateblu.

**D.Bosco.** Inti checceit mid-dar lil ommoc li chienet habiba ta omni Margherita.

**Mario.** Iva, taf xein x'sar minna D.Bosco?

**D.Bosco.** Dahhalta ma famiglia fejn keda tghaddi l'ahhar granet ta hajjetha fil paci. Inti xhet f'nofs ta triek ucoll l'icchejchen ibnec Menico?.......

**Mario.** Anche lil ibni; tlabthom biex jghamlu tfftteia u igibuhuli ghaunec, ma tlift it-tghamiet colla. li naroh.

**D.Bosco.** Mela cun af illi it-tifel tighec gbartu jiena minn nofs ta triek fil uakt li chien kied jagonizza bil gluh, u issa klait permess u gibtulec ghaun biex tatieh l'ahhar beusa tighec. (jitlak)

**Mario.** (Bhal ragg ta daul jintela bil ferh) Sejjer icoàlà ix-xiorti nghannak lil ibni kabel ma immut! ommi tinsab ma famiglia Signura! U dan il balzmu collu minn keduli fuk kalbi? Dac l'apostlu tal gioventur Dun Bosco li jiena rid noktol b'idejja stess u hua jicecchen daks tant li jigi geuua dan il habz biex jixxiotta il gharak ta l'agonija ta wiehed assassin!..(Minn barra tinstama marcia funebri li dejjem tokrob) X'icun dan?!(Imur jittawwal mittieka) funeral.... Corteo nobli min jaf ta min hu? Chemm Curuni, chemm xuabel ilekku u chemm cbarat, x'kied nghara, spètturi tal pulizia, commessarij.....Oh it-tebut micxief..... sema tal hniena! Il vittima tighi!Jien hua l'assassin tighec!Virr, ahfirli nitolboc ahfirli! (Il musica ghada id-dokk u actar tokrob, Mario jiddillerja, u ibatti ruhu fl'art) Virr, thares lejja b'dauc il ghajnejn!....Virr... meta il gism tighi chiesah jinzel ma gemb tighec la tishitnix ... ma bexiak fommoc u semmghani dic il chelma tal mahfra!Iva, jiena dnibt, ma fuk il patibolu nitla bil curagg ghal meut, u naccettaha bhalà att ta espirazion.(Il musica tiekaf)

## It-tielet Xena.

Dun Bosco, Menico u Mario.

**D.Bosco.** (jithol izomm lil Menico) Menico, issa cun bravu, missierec, icconverta u sar mans bhal haruf, tibza xejn hua ma isautecx izjed. Mur u tieh l'ahhar beusa tighec.

**Menico.** (Liebes uniformi bil, buttuni tad-deheb,imur jigri fuk missieru li ghadu fl'art mitluf mis-sensi) Missier! Missier!!

**Mario.** Virr... Virr.... Il kabar tighec hua precis ma gemb tighi.. Arah hemm imghotti bis-silg...

**Menico.** Missier, hares lejja, jiena ibnec Menico,

**Mario.** Dun Bosco? .. Dun Bosco!!... Fejn hua Dun Bosco?... jiena kied nibza!

**D.Bosco.** Curagg hares Mario, gibtlec ghaun lil ibnec u hemm barra hemm Dun Cafasso lest biex kabel ma titla fuk il, patibolu itic lil Gesu' taht il Gbija tal hobz. Dac li hafer lil Madalena, li ghamel miljuni ta kaddisin dac li hua lest sabiex jittajjar ghal geuua ~~is tighec~~. ir-ruh tighec mimlija bl'indiema.

**Mario.** (ikum u jiftah ghajneinh) Menico?!

**Menico.** Iva missier gharaftni?

**Mario.** Icchejchen Menico tighi?!Donni ma staic nemmen illi ghandi immut kabel ma niesic bil beus!(Jicsieh bil beus) Chemm kied narac sabieh!Min libsec hecc pulit? Haddejc dommom zeug uardiet...Fejn cont mimdu jiena tfaitec f'nofs ta triek?

**Menico.** Giabarni mighu Dun Bosco mil gdid u mighu sibt il genna ta l'art.

**Mario.** Naf ibni naf. Hobbu lil Dun Bosco.

**Menico.** Issa wighedni illi ghandu jghamminni ~~kaddis~~ kassis meta nicber ftit jehor.

**Mario.** Hobbu ibni lil Dun Bosco, hobbom lil kassisin, u la tghamilx bhal missierec li mhux bis spiccia biex sar assassin, ma ucoll sacriligu, ghaliex refa idejnh fuk il ministru t'Alla illi issa bis kied nifem chemm hua cbir. (Idur fuk D?Bosco) D.Bosco, nitolboc illi dic l'id taumaturga tighec li tant iccarrezzat icchejcnin li tant ixxiuttat dmugh u irxuxtat anche il mejtin u fejket il mghatubin nitolboc la terfahhiex biex bija tishetni, ma biex tahfirli ghal'ahhar darba u tbericni kabel ma il gisim tighi jinzel taht dac it-trab. (jinstemghau tocchi ta kampiena lucubre)

**D.Bosco.** Mario, inzel gharcuptejnc (Mario jiseguixi) Jiena nahfirlec u

mighi jahfirlec ucoll Gesu', arah hemm dac il Haruf illi jahfer id-dnubiet tad-dinja, ghajdlu bhal halliel it-tajjeb illi ihenn ghalic u hua iwigbec illi: "illum stess inti Tcun fil genna mighu". (Ibierec lil Mario)

Mario. (Ibus id D.Bosco, umbghad imur ibus lil crucifiss. Ghauh jinfetah il bieb tal habs)

L'Ahhar Xena.

Dun Cafasso, Diretturm zeug fratelli b'uicciom imghatti carzrier u ta kabel.

D.Caf. (jithol kuddiem un funzioni ta bniedem kaddis ujider illi f'hobbu ghandu merfuka l'Ostia Santa, malli jithol Dun Bosco jinzel gharcupteinh u jghamel riverenza sal'art, Dun Cafosso jibka fi profondita' ta silenziu, jithol ucoll id-direttur il carzrier u zeug confratelli) b'lemgha misighula f'idejhom.)

Direttur. (jghamel signal lil Carzrier, il carzrier imur jifred lil Mario minn ibnhu)

Mario. Menico inti mghandecx actar missierec, Eccu l'apostlu, il missier ta colla chemm huma it-tfal. Il kaddis Dun Bosco millum il kuddiem icun il missier tighec." (jibchi)

Menico. La tibchix missier, ghada meta nirciewi lil Gesu' minn idejn Dun Bosco nitolbu ghalic.

Mario. Iva ibni u daks chemm f'limghoddi ma habbeitc jiena lil Dun Bosco nitolboc illi thobbu inti ghalija ucoll. Dun Bosco nerhi lil ibni f'ideinc. (Id-direttur jghamel signal jehor, il carzrier jakbad lil Mario u johrog, bieh, Mario kabel ma jitlah f'silenzju profond jati l'ahhar harsa fuk ibnhu u fuk D.Bosco, il confratelli u id-direttur johorgiu uara Mario ucoll)

SEPARIO

D.Caf. (Imur bilmod fuk D.Bosco.) Dun Bosco, jiena sejjer nicconfortah bl'ahhar sacramenti u nitolboc illi ma gemb il patibolu la tirsakx ghaliex kalbec ma tasalx. (jitlak)

D.Bosco. (Ibaxxi rashu u jghannak mighu lil Menico) Nizzichajr Madonna, ghatni bl'eluf minn daun it-tfal, nixtiek illi ma kalbi nghannak liz-zghazah colla tad-dinja chif id-dur u taghhom jiena incun il Misssier. (Pausa u Silenzju)

Lehen. Dun Bosco, hares hemm dauc l'artijiet fil bghod il bghod mimsejn minn culhadd, anche dauc l'ulied kedin jistinneu il chelma tal confort tal Missier, hemm bzonn illi tigbor il merhla u issemmahhom il chelma ta Gesu'. (uara il velu jider il Quadru tal missioni, cioe' Dun Cogliero liebes ta iskof kalb is-selvaggi tal Patagonja.)

Musica

Quadru.

Jinzel is-separju u jispiccia.

It-tielet Att.

---

## Ir-Raba' Att.

u l'ahhar zmien.

((It-testment u il Gloria))

Epoca 1888, meut ta Dun Bosco, filghodu. Ix-Xena tirrapresenta il camra ta D.Bosco; bieb fin-nofs, tieka ghal barra, sodda, ma gemba comodina, fuka l'ilma imbierec u filxcun bissels, pultruna, mejda u fuka Crucifiss u zeug xemghat mixioghaula, stola fuk id-dahar tas-sodda. Collox semplici.

### L'Ewwel Xena.

Dun Bosco u Dun Rua.

D.Bosco. (Issa ghandu 72 sena jinsab fis-sodda fl'ahhar estremi ta hajtu, xigharu bajdani, ghajnejh quasi tilfu id-daul, ma dic it-tbissima ghada dejjem fuk uiccui, liebes Camice ((biex icun lest ghal quadru)) Schiet perfett, jistembah u ihares madauru) Dun Rua!

D.Rua. ((Issa ghandu 52 sena, ghadda illeil collu ma gemb D.Bosco)) Dun Bosco.

D.Bosco. Ghadec ma morte tistrieh uara daun illejli colla illi ilec tisar mighi?

D.Rua. Dun Bosco ghallimni li ghandi nistrieh fil genna.

D.Bosco. Eh, Dun Rua, scruplus osservanti tar-regola u tat-tghallim ta Dun Bosco. Eccu ghaliex dejjem cont nghajdlec illi uara meuti inti ghad trid tcun is-successur tighi sabiex tcompli ix-xoghol li sejjer inhalli urajja. Rua, kis illi tiscolpisci b'ittri tad-deheb f'kalb il confratelli colla billi tghajdilhom josservau regola whada, ghaliex l'imsejchen D.Bosco deulakt ihallicom.

D.Rua. X'inti tghajd Dun Bosco? Ghad hemm fin- nofs il giubleu tad-deheb li ghad irridu nghamlulec.

D.Bosco. Le, Rua, tistghau tissuspendu collox ghaliex il giubleu sejjer nghamlu fis-sema.

D.Rua. Ghamel Curagg D.Bosco, hafna eruieh tajba kedin joffru hajithom ghalic, sabiex Alla ihallic haj u tcompli tghamel il miracoli, meta inti immoltiplicait l'Ostij chien hemm wiehed chien ilu ma ikerr 30 sena u icconverta.

D.Bosco. Mhux jiena Rua, ma Hia, Maria Ausiliatrice, OH! Meta jiena bdiet nibni is-santuarju ta l'Ausiliatrice ma chellix hlief sit-soldi fil but, u il Madonna bniet id-dar taghha bix-xita ta Grazzi li Hia xehtet fuk l'imseicna umanita'. Illum is-Santuarju ta l'Ausiliatrice jigiu biex jzuruh mid-dinja colla.

D.Rua. Ried icolloc il Curagg ta D.Bosco pero'.

D.Bosco. Il fidi Rua, il fidi. Ma ninzilx izjed biex inkaddes f'dac il helu Santuarju fejn raithu jinbena gebla fuk l'ohra.

D.Rua. Min jaf D.Bosco... It-tfal, ghaddeu illeil collu kuddiem Gesu' fl' adorazioni sabiex jekelghoulec il fejkan!

D.Bosco. It-talb ta l'innocenti.. fadalli tant chiecu x'nghamel.. ma hares

Rua, din l'id illeminija spicciat ghal collox. (ikankal chemm xejn idhu illeminija)

**D.Rua.** Pero' ghandec tasseu biex ticconsla ruhec. L'opra Salesiana hia imwakfa u keda tghati passi ta ggant.

**D.Bosco.** (jigbor il forzi tighu colla u ikum bilkeda) Rua, tiftacar meta cont nirracconta il holma ta ccuniti? Xihut chienu ghaddeuni b'mignun, izda chelli ragiun jiena. Meta bdiet nigbor l'ewwel tfal fosthom Bartolmeo Garelli culhadt chien icheccini, izda issa culhadt kied jghara b'ghajneinh ir-realta' ta l'ghogbijet tal Madonna.

**D.Rua.** Niftacar meta ghaminna l'ewwel voti, anche l'ispirti infernali tkanklu contra tighec D.Bosco.

**D.Bosco.** (B'intusiasmu) L'ischiera ta Salesiani, Sacerdoti, chierici, cuadiatori u sorijet inferxin mad-dinja colla bid-dahka fuk uicciom taht il mant ta Maria Ausiliatrice. X'inghaidu ghal missioni, ghal cooperaturi, ghal eluf ta tfal illi bhala hrief jirghou fuk issistema educattiva....

**D.Rua.** Veru prodigiu, chif il ward nizél mis-sema fuk l'opra tighec.

**D.Bosco.** Daun il prodigij xehtithom ir-Regina tas-sema u L'art fuk id-dar li ridita taghha.

## It-Tieni Xena.

Mons. Cogliero, Uccio u ta kabel.

**Cogliero.** (Issa ghandu 53 sena liebes ta Iskof jithol ma Uccio.) Buon Giornu D.Bosco. Thossoc xi ftit ahjar?

**D.Bosco.** Il mahbub tighi Cogliero, l'eroi ta America. (jisforza biex ibuslu idhu)

**Cogliero.** X'sejjer tghamel D.Bosco? Ghal chemm Alla ghogbu jahtarni iskof, dejjem bkait ic-cchejchen bericchin tighec Cogliero.

**D.Bosco.** Cogliero, chién hemm bzonn ta hafna pionieri kalbinin bhalec, halli il merhla ta Cristu tcun tista tingiabar colla taht raghaj wiehed. Fl'America, fl'Asia, fic-Cina, fil Giappan, Cullumchien jigi imwakkaf is-salib tar-redenzioni u culhadt icun jaf illi f-Ruma hemm il Vigarju ta Cristu b'dirghainh miftuhin biex jghannak lil culhadt: "Domini Animos Coetera tolle." (Da mihi)

**Cogliero.** Eh.... D.Bosco ghandu ideinh tual irid jighak id-dinja colla.

**D.Bosco.** Xtakt chiecu inhaddan id-dinja colla, ma issa wasalt fl'ahhar u hemm bzonn illi nahseb ghal ahhar viagg li kied jistennieni. (juri b'idhu il fuk)

**Cogliero.** Le D.Bosco, Ghamel Curagg, jiena cont hsibt li ghada nitlak ghar-Ruma, umbghad immur inzur Skallija...

**D.Bosco.** Iva, Ruma tmur, Ruma hia eterna u inti icolloc accasioni tmur izjed tard biex tokod ma gemb il Papa ghal dejjem, ma ghal issa irridec tokod ghaun ma gembi.

**D.Rua.** Monsignur, áftah widneinc, ghax Dun Boscoma jitchellimx ghal xejn.

**D.Bosco.** Uliedi, tcun dejjem mal Papa hia hagia prezziuza ibkghou iftacru: jeu mal Papa fil paci, jeu ma l'ghedeuua fil guerra.

**D.Rua.** Ahfirli Dun Bosco, ma ftacar illi ittabib kallec biex ma tantc tistrapazza ruhec.

D.Bosco. Ghandec ragiun Rua. (Minn barra tinstama l'allegria tat-tfal) Liema nostalgia!... forsi ma icollix ix-xiorti nghara izjed littfal tighi jilghabu fil bitha ta l'Oratorju.(commos)

D.Rua. Curagg, it-tfal culjum jistaksu ghalic, u ma indumux ma jergighau jarauc fosthom.

D.Bosco. It-tfal, chellu ragiun ihobbhom Gesu'.

Cogliero. Hares missier tighi icchejchen Uccio ma jistax jokod jecc ma jaracx.

D.Bosco. Dan hua icchejchen Uccio li ghadec chemm ghammit?...

Cogliero. Daks tliet xiur ilu.

D.Bosco. Uccio. (ikied idhu fuk rashu) Chemm il darba il hsieb tighi mar hemm fil bghod il bghod.. jiena kalb daunc is-selvaggi tal Patagonija rait lilec ucoll mahbub Uccio. (itaptaplu fuk uicciu)

Uccio. (Tifel t'erba' snin uicciu canella imur jinxtehed gharcupteinh ma gemb is-sodda ta Dun Bosco u jippresentalu gilju) Dun Bosco, nizzichajr illi inti bghattinna il missionarij biex isalvau lili u lil huti, huma ghamluna insara u fethunna il bieb tal genna.

D.Bosco. Bravu ibni, imbierec lilec u mighec ucoll lil America.(ibircu)

D.Rua. Dun Bosco, tipprova tixrob ftit selz? (Dun Bosco, jghamel signal b'rasu li iva, D.Rua itieh jixrob is-selz)

Uccio. Hares Missier, gibtlec dan il fjur fl'isem ta huti colla l'insara biex nuruc chemm inhobbuc. (itieh il gilju)

D.Bosco. Il uicc innocenti ta dana it-tfajjel inhossu ikawwili kalbi.(ihares lejn il gilju) simbolu ta l'izbah purezza. Dan il gilju liebes listes libsa tar-ruh tighec Uccio, niehu gost nircevieh mil idein cchejcnin tighec, ghaliex il werak verginali tighu bojod bhal borra huma kedin imissu ma idejn illi il bjuda taghhom ma gieti imtebbgha katt bil mishut dnub.

Cogliero. Missier tighi Dun Bosco, gia ghattlec illi geuua l'America hemm bil bosta gilji bojod bhal dac, ma hemm bzonn ta hafna nies biex ticcoltivhom.

D.Bosco. Taktax kalbec Cogliero, Maria Ausiliatrice ghad tifforma eserciti ta Salesiani bl'eluf u ma icunx ghajun rocna fid-dinja fejn ma icunx hemm il missionarju Salesian. (Lit-tifel) Bravu Uccio, meta jiena cont cchejchen bhalec Mamma Margherita chienet tghajdli: "La thallix min jisraklec l'innocenza ta ruhec".

Uccio. D.Bosco, jiena meta nicber insir Salesian bhal Monsignur Cogliero, kalli hua stes.

D.Bosco. Bravu,Bravu, u bhalu issir, Dun Bosco joffrilec tliet hwejjeg: "xighol, ichel, u id-dguadija tal Genna.

## It-Tielet Xena.

Buzzetti u ta kabel.

Buzz. (Cuagitur Salesian, jithol fuk ponot subainh) Sur Dun Rua...

D.Rua. (jilka lil Buzzetti u jehdu fil gemb) x'hemm Buzzetti?

Buzz. Jien ma nafx chif nakbad nghamel bil folol li hemm fil parlatoriu.

Culhadt irid jigi ibus id D.Bosco.

D.Rua. Impossibli, it-tabib ma iridna indahlu lil hadt. (Bil mod) D.Bosco sejjer ghal ghar.

Buzz?. Xihut geu minn Franza, ohrain mill Inglitterra, min Spagna, mil Germania u colla bil bigliett f'idejhom biex jippresentau ruhhom; ghandom icunu colla irjus cbar, Salesiani u sorijet umbghad ma jinghoddux ... il bitha mimlija.

D.Bosco. Dan mhux Kehen Buzzetti?

Buzzetti. Iva Sur Dun Bosco.

D.Bosco. X'giara mahbub Buzzetti?

Buzzetti. Sur D.Bosco, ghaun hafna personalita' cbira jixtieku jarauc, Torinu collu jistaksini ghalic.

D.Bosco. Oh!Il povru D.Bosco spiccia Buzzetti, jiena ninsab taht l'ubbidienza ta Dun Rua, collox chif jghamel hu.

Buzzetti. Almenu talbuc imkar tbericom minn gáát-tieka,

D.Rua. Le Dun Bosco it-tabib ma iridux jicciaklak ippermettietlu, jitchellem ma Monsignur Cogliero bis. Ahfirli D.Bosco, ma l'esistenza tighec ghalina hia prezziuza.

D.Bosco. Cogliero, nitolboc mur fil porterija u ghamel il parti tighi inti ma dauc in-nies.

Cogliero. Izbah din (jitlak u jehu mighu lil Uccio)

D.Bosco. Buzzetti, ghajd lil confratelli shabec illi D.Bosco ghandu hafna ghal kalbu lil cuagiaturi u jecc jiena ma taithomx l'abitu religius, ghaliex libsin hecc actar tcunu tistghau tghamlu gid.

Buzzetti. Grazzi D.Bosco, ahna nafu illi mhux l'abitu jghamel lir-religius, ma l'osservanza tar-regola li inti hallietilna.

D.Bosco. Bravu Buzzetti, dic hia l'eredita' colla li sejjer inhallilcom. Dun Rua tibcux il meut tighi, ghaliex dan hua dejn illi cull wiehed irid ihallas, ma ibcu jec thassru it-testment tighi.

D.Rua. Missier, ahfirli jecc katt xi darba dejjaktec, ma ghal li gej chelma wahda minn tighec ma tigix imhassra. JOHROG BUZZ

D.Bosco. Rua, heggeg dejjem lil confratelli biex jibkghau shah fil vocazioni bhalma bkaitu inti u Cogliero. (jibda jakta nifsu)

D.Rua. Iva Missier (Imur ma gemb D.Bosco li issa ghalak ghajneih)

## Ir-Raba' Xena.

Cogliero u ta kabel.

Cogliero. (jithol, D.Rua imur jilkghau fil bieb) Hemm fil purterija hafna personalitajet cbar illi iridu jarau lil Dun Bosco, u fosthom hemm ucoll id-Duca ta Norfolk li gie mibghaut mir-Regina Vittoria ta l'Ingliterra.

D.Rua. (Minn taht ilsien)Ahfirli monsignur, ma jiena jidirli li mhux prudenza, hares is-sider ta D.Bosco chemm hua affannat... Hua dejjem innakkas u ghandu hila imut bla ma nindunau.(Dun Bosco ghadu rieked u cultant jicciaklak)

Cogliero. Ghamilt seuua li dalleil ammistratlu issacramenti colla.

D.Bosco. (jiftah ghajneinh) Ah!RUA!Cogliero!

D.Rua.
Cogliero. Dun Bosco! (Imorru ma gemb D.Bosco.)

D.Bosco. (Bitbatija u inakkas dejjem) Morru fitciu fil buiet tas-suttana.. u arau fadallix xihagia tal flus.... ghaliex nixtiek illi id-dinja colla tcun taf illi Dun Bosco... miet minn ghair habba geuua il but.

D.Rua. Iva, iva, serrah mohhoc, id-dinja colla taf minn hua Dun Bosco u il benefatturi li afdaulec f'ideinc l'eluf ta flus jafu bil prodigi ta carita' li harget minn dic il beneficenza.

Cogliero. Jafu anche il missionarji D.Bosco...

D.Bosco. Bl'opri tal Carita' nghalku il buieb ta l'infern.... u nifthu il bieb tal Genna... Minn jghajn lil fkir... jistghana b'gid li ma jispiccia katt.... Irringrazziau lil benefatturi... u ghajdulhom .... illi bil carita' taghhom.... ahna wakkafna l'opra Salesiana.. Ibzghau ghaz-zmien... Salvau l'eruieh....

D.Rua.
Cogliero. (Jisimghau dejjem, anzi Dun Rua jinnota fuk carta)

D.Bosco. Nirraccomandalcom specialment it-tfal abbandonati. Iz-zghar huma id-delizia ta Gesu' u ta Maria l'oratorji festivi icunu... l'iscop principali tal opra Salesiana... id-dutrina... l'imhabba lejn Gesu'... lejn Maria Ausiliatrice... lejn il Papa... Hobbu lil xulxin bejnitcom... fil pont tal meut nigbru l'opri tal hajja tghana .... Minn isalva ruhu icun rebah collox.... min jitlifha icun tilef collox... O Vergini Santa, ghajni int fil pont tal meut tighi! Rua, Cogliero, tabbandunaunix.

Cogliero. Le missier tghana, ahna ghaun u mijet ta Salesiani uliedec jinsabu fis-suali ta ma gembec u anzjusi li jisimghau xi ahbár tghajba.

D.Bosco. Le uliedi..... le... D.Bosco sejjer... ihallicom .... jiena ghamilt dejjem li stait... Issa tinghamel fija, il volonta' t'Alla!

D.Rua. Dun Bosco, cont drabi ohra f'dan l'istat U Maria fejkitec, biex tcun tista tcompli l'opra meravigliusa tighec.

D.Bosco. Veru... Veru... jiena ma contc hlief.... semplici strument f'idein Alla.... ma issa Rua ... compli int... minn flochi... jiena nixtiek nittajjar ghas-sema... ghaliex minn hemm incun nista actar nghajn lil Congregazioni... uliedi... Salvau l'eruieh... Salvau l'eruieh..

## Il-Hames Xena.

Buzzetti u ta kabel.

Buzzetti. (jithol b'ittra f'idhu) Dun Rua, ghaun din l'ittra urgenti ghalic.

D.Rua. (jehu l'ittra, jiftahha u jakraha) Waslet il barca papali!

Cogliero. O providenza divina. (Dun Rua inewwel l'istola lil Cogliero) Dun Bosco, il Papa kaddis tghana bghattlec il barca tighu.

D.Bosco. (Jiftah ghajnejnh bl'acbar gioia) Il Papa!.. Il Papa!....

Cogliero. (Ibierec lil Dun Bosco)

D.Bosco. Issa... immut... actar Cuntént... (jinstemghau xi tfal jithku allegri)

D.Rua. Buzzetti, mur sicchet dauc it-tfal. (Buzzetti icun sejjer u jekaf)

D.Bosco. Le nitlobcom..... le..... Halluni... immut b'lehen it-tfal .... f'uidnejja. Ghajdulhom... li D.Bosco ihobbom, li nistennihom il col fil gloria... tal Genna! (jghalak ghajneinh)

D.Rua. (Imur ihares f'ghaineinh D.Bosco) Monsignur.

Cogliero. (Imislu il polz) Il polz kied inakkas.

D.Rua. (iuarbu u jghadu beiniethom) Icun sejjer ahjar insejhu lit-tabib..

Cogliero. Ma hemmx gha fejn Rua, it-tabib id-dispensah ghal collox, issa hemm bzonn li, ahna nerhu ruhna f'idejn Alla.

D.Bosco. (Jistembah u ihares ma cullumchien) Rait l'anglu t'Alla!... Rait lil Madonna!.... Giuvni sabieh bil giuenah tad-deheb...... Hua resak lejja.... u kalli: "Bosco, jiena hua dac l'anglu... li inducrac.. sa mittuelid.. u meta inti cont cchejchen... fil holm tighec.... cont ninzel nilghab mighec kalb il fjuri... u bkait ninducrac sa fuk is-sodda tal meut." umbghad rait lil Ausiliatrice tbericni... Gesu' nizel fi hdani... jiena bistu... Hua dahakli... Hua dahkli!!.... In manus tuos Domine Commendo Spiritum meum. Maria, iftahli.... il bieb ........ tal Genna! (jgholli idhu ibierec id-dinja colla, jibissem jithak lil Rua u Cogliero u jorkod ir-rahda helua tal kaddisin)

D.Rua. (Ibus lil Dun Bosco) Ninsabu doppiament iltiema! (jinzel gharcupteinh u jahbi uicciu bejn ideinh jibchi)

Cogliero. Curagg, ahna tlifna missier fuk l'art, ma acquistaina protettur cbir fissema!! L'ghodua tal l'ewwel ta frar ghas-Salesiani sejra tcun primavera gloriusa, glaliex dina il fragranza li gia'keda tinhass geuua dina il camra tghajd illi il missier tghana D.Bosco, hua il kaddis tat-tfal. (ibus lil D.Bosco u ipoggilu listola fuk sidru, umbghad jinzel gharcupteinh u jinfex jibchi hua ucoll)

Buzzetti. (Imur ibus lil D.Bosco.) Dun Bosco, ahfirli talli darba ueggiat-tlec kalbec. (jargia ibusu u jitlak jibchi)

D. Rua Fr. rago Virgini ... [illegible]

Jinzel ghal ftit is-sparju u jargia jitla malajr. (Issa flistess cmara fejn miet DBosco tinsab is-sodda voita u D.Bosco imlibbes pianeta ta lussu jinsab poggiut mejjet f'nofs il palc bi Crucifiss f'idhu. Dun Rua u Cogliero ghadom gharcuptejhom ma gembu.)

## L'Ahlar Xena.

Buzzetti, Cogliero, D.Rua, tfal, Salesiani u Dun Bosco mejjet.

Buzzetti. (jithol bi premura) Dun Rua, Monsignur, hemm fil porterija soru, li dalleil giet miracolata minn Dun Bosco!!

Cogliero. u D.Rua. (ikumu) Miracolu jehor?!

Buzzetti. Iva, dac il hin stess illi D.Bosco ghalak ghajneinh, din is-soru li chien ila marida issnin fis-sodda rait lil Kaddis- biluiekfa ma gemba u kalilha: "Suor Flomena kum u imxi" u issa geit biex tbuslu idu.

D.Rua. O min jista jiddubita illi il missier tghana mhux kied fil Genna?!

Buzzetti. Dun Rua, ippermettili nispiccia; fil hin waslet signura ohra li ghanda fama ta kaddisa u kalet li dalleil lemhet is-smeuuiet jinfethu u kalb miljuni ta angli rat ir-ruh kaddisa tal missier tghana D.Bosco tittajjar ghal geuua il genna!! (malli Buzzetti jispiccia din il chelma il kniepel idokku bhal festa u jinstama cant maestus, hafna tfal u Salesiani jibdeu dehlin wiehed uara l'jehor ibusu id D.Bosco u ipoggiu fuku il fjuri, meta culhadt dahal, bies id D.Bosco u nizel gharcuptejnh, fil fond tax-xena jider D.Bosco fil gloria kalb it-tfal u il presenti colla jintunau l'innu "Dun Bosco Ritorna)

DISCO

Jinzel is-separju.

JISPICCIA ID-DRAMM.

Autur Galea Carmelo S.C.

Id-drittijet colla huma riservati ghal Autur taht norma tal-ligi.

---

24 Marzo 1940

Slima